III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

**Nru 519/12/COL**

**tad-19 ta' Diċembru 2012**

**li tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali rigward l-għajnuna potenzjali lil AS Oslo Sporveier u lil AS Sporveisbussene (in-Norveġja)**

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA ("L-AWTORITÀ")

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), b'mod partikolari l-Artikolu 49 u l-Artikoli minn 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja ("il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti"), b'mod partikolari l-Artikolu 24,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Protokoll 3 ta' mal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti ("il-Protokoll 3"), b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) tal-Parti I u l-Artikolu 7(2) tal-Parti II,

WARA LI talbet lill-partijiet interessati jressqu l-kummenti tagħhom skont dawn id-dispożizzjonijiet ([1]),

Billi:

### I. IL-FATTI

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1 Proċedura amministrattiva li twassal għad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 254/10/COL

(1) Permezz tal-ittra tal-11 ta' Awwissu 2006, l-Awtorità rċeviet lment ("l-ilment") minn Konkurrenten.no AS ("l-ilmentatur") li fih ġie allegat li l-awtoritajiet Norveġiżi kienu taw għajnuna mill-Istat lil AS Oslo Sporveier u lil AS Sporveisbussene. L-ittra ġiet irreġistrata mill-Awtorità fis-16 ta' Awwissu 2006 (Avveniment Nru 384017). Permezz tal-ittra tas-17 ta' Awwissu 2006 lill-ilmentatur, l-Awtorità kkonfermat li rċeviet l-ilment (Avveniment Nru 384134).

(2) Permezz tal-ittra tas-7 ta' Settembru 2006, l-Awtorità ttrasferixxiet l-ilment lill-awtoritajiet Norveġiżi u stednithom biex jibagħtulha l-kummenti tagħhom (Avveniment Nru 387163). Permezz tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2006, l-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu għat-talba għal informazzjoni. L-ittra ġiet irreġistrata mill-Awtorità fid-19 ta' Ottubru 2006 (Avveniment Nru 392725).

(3) Permezz tal-ittra tal-20 ta' Ottubru 2006, l-ilmentatur ressaq kummenti oħrajn. L-ittra ġiet irreġistrata mill-Awtorità fit-23 ta' Ottubru 2006 (Avveniment Nru 394520).

(4) Permezz tal-ittra tad-29 ta' Novembru 2006, l-Awtorità talbet lill-awtoritajiet Norveġiżi għal informazzjoni ulterjuri (Avveniment Nru 394397). L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu permezz tal-ittra tal-11 ta' Jannar 2007. L-ittra ġiet irreġistrata mill-Awtorità fit-12 ta' Jannar 2007 (Avveniment Nru 406541).

(5) Permezz tal-ittra tad-19 ta' Ġunju 2007, l-Awtorità talbet lill-awtoritajiet Norveġiżi għal informazzjoni ulterjuri (Avveniment Nru 425271). L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu permezz tal-ittra mibgħuta elettronikament fis-16 ta' Awwissu 2007 (Avveniment Nru 434326).

(6) Permezz tal-email tal-20 ta' Frar 2008, l-ilmentatur ippreżenta informazzjoni ulterjuri (Avveniment Nru 466226).

(7) Permezz tal-ittra mibgħuta elettronikament fit-2 ta' April 2008, l-Awtorità talbet lill-awtoritajiet Norveġiżi għal aktar informazzjoni ulterjuri (Avveniment Nru 471926). L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu permezz tal-ittra mibgħuta elettronikament fid-29 ta' April 2008 (Avveniment Nru 475480).

(8) L-ilmentatur ippreżenta informazzjoni ulterjuri permezz tal-emails tal-25 ta' Mejju 2008 (Avveniment Nru 478132), tat-2 ta' Ġunju 2008 (Avveniment Nru 479743), tad-9 ta' Lulju 2008 (Avvenimenti Nru 489623 u 489626), tal-14 ta' Awwissu 2008 (Avveniment Nru 489591), tal-15 ta' Awwissu 2008 (Avveniment Nru 488527), tal-20 ta' Jannar 2009 (Avveniment Nru 505210) u tat-22 ta' Jannar 2009 (Avveniment Nru 505503).

([1]) ĠU C 204, 12.7.2012, p. 15 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 37, 5.7.2012, p. 26.

(9) Matul il-bidu tal-2010, l-Awtorità u l-awtoritajiet Norveġiżi ikkuntattjaw lil xulxin b'mod informali kemm permezz tat-telefown kif ukoll bl-email dwar dan il-każ. L-informazzjoni li waslet għand l-Awtorità f'dan il-kuntest ġiet ikkonsolidata f'ittra li ntbagħtet lill-Awtorità elettronikament fil-21 ta' April 2010 mill-awtoritajiet Norveġiżi (Avveniment Nru 554417).

(10) Fil-21 ta' Ġunju 2010, l-Awtorità adottat id-Deċiżjoni Nru 254/10/COL li għalqet il-każ fuq il-bażi li l-għajnuna kienet tinvolvi għajnuna eżistenti li kienet twaqqfet. Permezz tal-ittri tal-21 ta' Ġunju 2010, l-Awtorità ttrasferixxiet kopji tad-Deċiżjoni Nru 254/10/COL lill-awtoritajiet Norveġiżi (Avveniment Nru 558824) u lill-ilmentatur (Avveniment Nru 561949).

### 1.2 Is-sentenza tal-Qorti tal-EFTA fil-Kawża E-14/10 Konkurrenten.no AS vs. l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

(11) Permezz tar-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-EFTA fit-2 ta' Settembru 2010, l-ilmentatur ressaq rikors għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 254/10/COL.

(12) Fit-22 ta' Awwissu 2011, il-Qorti tal-EFTA tat is-sentenza tagħha fil-Kawża E-14/10 *Konkurrenten.no AS* vs. *l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*, li biha annullat id-Deċiżjoni Nru 254/10/COL fl-intier tagħha, għar-raġunijiet segwenti.

(13) L-ewwel nett, il-Qorti tal-EFTA sabet li d-Deċiżjoni ma kinitx immotivata biżżejjed, għall-fatt li l-Awtorità naqset milli tispjega kif it-tiġdid tal-konċessjoni, mill-1 ta' Jannar 2000, seta' jiġi kklassifikat bħala parti minn skema ta' għajnuna eżistenti, jew għaliex ma setax jitqies bħala tibdil rilevanti ta' dik l-iskema ta' għajnuna ([2]).

(14) It-tieni nett, il-Qorti tal-EFTA sostniet li l-Awtorità kienet kisret l-obbligu tagħha li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-għajnuna mogħtija matul il-perjodu li jkopri mill-1997 sas-sena 2000. Hija sabet li l-Awtorità ma setgħetx teskludi l-possibbiltà li AS Oslo Sporveier u AS Sporveisbussene kienu rċevew għajnuna li taqbeż l-ammont tat-telf assoċjat mat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, u li l-Awtorità tabilħaqq qieset li tali kumpens żejjed possibilment kien diġà seħħ fil-passat. Għaldaqstant, il-Qorti tal-EFTA kkonkludiet li l-Awtorità kellha tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali biex tingħata l-informazzjoni kollha dwar il-fatti, sa fejn dan kien ikun possibbli. Il-motiv tal-applikant li kien jindirizza l-istess kwistjonijiet rigward il-perjodu li jkopri mis-sena 2000 sal-2008 ġie ddikjarat ukoll li kellu bażi tajba ([3]).

(15) It-tielet nett, il-Qorti tal-EFTA sostniet li l-Awtorità naqset milli tidentifika jekk l-injezzjoni ta' kapital kinitx tikkonċerna biss obbligazzjonijiet tal-pensjoni mhux iffinanzjati li rriżultaw minn konnessjoni mat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, jew kinitx tkopri wkoll xi attivitajiet oħra. Minħabba li l-Qorti tal-EFTA ma setgħetx twettaq rieżami tad-Deċiżjoni b'rabta mad-dikjarazzjoni tal-applikant li l-injezzjoni ta' kapital ma kinitx tikkorrespondi ma' pagament għas-servizzi tat-trasport li ngħataw, dan wassal biex kien hemm nuqqas ta' raġunijiet ([4]).

### 1.3 Il-valutazzjoni mill-ġdid tal-ilment

(16) L-ilmentatur allega li l-miżuri segwenti jistgħu jinvolvu għajnuna illeċita mill-Istat:

1. Sussidji inkroċjati bejn l-erba' kumpaniji AS Oslo Sporveier, AS Sporveisbussene, Arctic Express AS u Sporveisbussenes Turbiler AS ([5]),

2. Injezzjoni ta' kapital ta' NOK 41 499 000 li saret fl-2004 minn AS Oslo Sporveier f'AS Sporveisbussene,

3. Pożizzjoni ta' taxxa favorevoli miksuba f'suq mhux kompetittiv, li tevita lil AS Sporveisbussene milli tħallas it-taxxa fuq il-profitti, u

4. Garanziji mogħtija minn AS Sporveisbussene għall-benefiċċju tas-sussidjarji tagħha Arctic Express AS u Sporveisbussenes Turbiler AS.

(17) L-Awtorità tat bidu għal valutazzjoni mill-ġdid tal-ilment, u permezz tal-email tal-25 ta' Ottubru 2011 talbet lill-awtoritajiet Norveġiżi (Avveniment Nru 613053) għal informazzjoni addizzjonali. L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu b'konferenza telefonika fit-28 ta' Ottubru 2011. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Norveġiżi pprovdew informazzjoni ulterjuri matul il-laqgħa li saret f'Oslo fid-29 ta' Novembru 2011 u l-laqgħat li saru fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2012. L-awtoritajiet Norveġiżi ppreżentaw informazzjoni ulterjuri permezz tal-emails tat-13 ta' Diċembru 2011 (Avveniment Nru 621639) u tal-20 ta' Jannar 2012 (Avveniment Nru 622816).

(18) Permezz tal-ittra tas-27 ta' Jannar 2012 (Avveniment Nru 622888), l-Awtorità talbet lill-awtoritajiet Norveġiżi għal informazzjoni ulterjuri ([6]). L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu permezz tal-ittra tat-22 ta' Frar 2012 (Avvenimenti Nru 625908, 625916, 625949, 626065 u 626066) u tal-emails tal-5 ta' Marzu 2012 (Avvenimenti Nru 627096 u 627097).

([2]) Is-sentenza, il-paragrafi 55–63.

([3]) *Ibid*, il-paragrafi 76–80.

([4]) *Ibid*, il-paragrafi 84–91.

([5]) Ir-referenzi li jsiru għal "Grupp Oslo Sporveier" f'din id-Deċiżjoni se jintużaw biex jirreferu għal AS Oslo Sporveier u s-sussidjarji tagħha.

([6]) Permezz tal-ittra tat-8.2.2012 (Avveniment Nru 624263), l-ilmentatur talab lill-Awtorità biex tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar il-miżuri li kienu soġġetti għall-proċedura tal-Qorti tal-EFTA fil-Kawża E-14/10.

### 1.4 L-investigazzjoni formali

(19) Permezz tad-Deċiżjoni Nru 123/12/COL tat-28 ta' Marzu 2012 ("id-deċiżjoni tal-ftuħ") l-Awtorità tat bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali stipulata fl-Artikolu 1(2) tal-Parti I tal-Protokoll 3 fir-rigward tal-għajnuna potenzjali mogħtija lil AS Oslo Sporveier u lil AS Sporveisbussene. Permezz ta' ittra li ntbagħtet fl-istess data (Avveniment Nru 627869), l-Awtorità infurmat lill-awtoritajiet Norveġiżi dwar id-deċiżjoni li ħadet u stidnithom iressqu l-kummenti tagħhom.

(20) Permezz tal-ittra tal-4 ta' Ġunju 2012 (Avveniment Nru 636738), l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ. Permezz tal-email tat-28 ta' Ġunju 2012 (Avveniment Nru 639422), l-Awtorità talbet lill-awtoritajiet Norveġiżi għal informazzjoni ulterjuri. L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu permezz tal-email tas-7 ta' Settembru 2012 (Avveniment Nru 645982). Permezz tal-emails skambjati bejn id-9 u t-23 ta' Novembru 2012 (Avvenimenti Nru 653229, 653257, 653526, 654300, 654332, 654345 u 654470), l-Awtorità talbet lill-awtoritajiet Norveġiżi għal informazzjoni ulterjuri, u rċevietha.

(21) Id-deċiżjoni tal-ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu [7]. L-Awtorità stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ. L-Awtorità rċeviet il-kummenti ta' żewġ partijiet interessati. Permezz tal-ittra tat-2 ta' Awwissu 2012 (Avveniment Nru 643450), l-Awtorità rċeviet il-kummenti tal-ilmentatur, Konkurrenten.no AS. Permezz tal-ittra tas-6 ta' Awwissu 2012 (Avveniment Nru 643459), l-Awtorità rċeviet il-kummenti ta' Risdal Touring AS, kumpanija assoċjata tal-ilmentatur. Permezz tal-ittra tal-4 ta' Settembru 2012 (Avveniment Nru 645575), l-Awtorità ttrasferixxiet dawn il-kummenti lill-awtoritajiet Norveġiżi. Permezz tal-ittra tat-3 ta' Ottubru 2012 (Avveniment Nru 648581), l-awtoritajiet Norveġiżi infurmaw lill-Awtorità li ma kellhomx kummenti xi jressqu għall-osservazzjonijiet li saru miż-żewġ partijiet interessati.

## 2. ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(22) L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li AS Oslo Sporveier ma kienet tat l-ebda garanziji [8]. Għalhekk, l-Awtorità kkonkludiet li l-allegazzjoni tal-ilmentatur dwar il-garanziji kienet bla skop [9].

(23) Madankollu l-Awtorità xorta kellha dubji dwar il-miżuri l-oħra li kien għad fadal, li kienu koperti mill-ilment. Għaldaqstant hija ddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tat-tliet miżuri segwenti:

1. il-kumpens għal servizzi tal-karozzi tal-linja skedati f'Oslo mħallas lil AS Oslo Sporveier u lil AS Sporveisbussene matul il-perjodu li jkopri mill-1 ta' Jannar 1994 sat-30 ta' Marzu 2008 ("il-kumpens annwali");

2. l-injezzjoni ta' kapital imħallsa mill-Muniċipalità ta' Oslo fl-2004 ("l-injezzjoni ta' kapital tal-2004"), li kopriet insuffiċjenza għall-fond tal-pensjonijiet dovut relatat ma':

   a. il-forniment ta' servizzi pubbliċi ("injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku"), kif ukoll

   b. l-attivitajiet kummerċjali ("l-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali"); kif ukoll

3. l-applikazzjoni tar-regoli tat-tassazzjoni tal-grupp ("il-miżura tat-tassazzjoni tal-grupp").

## 3. KUNTEST – IL-LEĠIŻLAZZJONI ATTWALI DWAR IT-TRASPORT LOKALI SKEDAT BIL-KAROZZI TAL-LINJA

### 3.1 L-Att dwar it-Trasport Kummerċjali tal-2002 u r-Regolament dwar it-Trasport Kummerċjali tal-2003

(24) Bħalissa, is-settur tat-trasport lokali bil-karozzi tal-linja huwa rregolat mill-Att dwar it-Trasport Kummerċjali tal-2002 (is-"CTA") [10] u mir-Regolament dwar it-Trasport Kummerċjali tal-2003 (is-"CTR") [11]. Is-CTA ħassar u ssostitwixxa l-Att dwar it-Trasport tal-1976 [12]. Is-CTR ħassar u ssostitwixxa żewġ regolamenti [13].

(25) L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li d-dispożizzjonijiet relevanti ma ġewx mibdula b'mod sinifikanti minn mindu daħal fis-seħħ il-Ftehim ŻEE fl-1994.

### 3.2 Ir-responsabbiltà amministrattiva tal-kontej

(26) Fin-Norveġja, ir-responsabbiltà għall-forniment ta' servizzi tat-trasport pubbliku lokali, ġiet ikkonferita lill-kontej. Madankollu, il-kontej ma għandhom l-ebda obbligu biex joffru servizzi bħal dawn.

(27) Il-kontej jistgħu jamministraw is-servizzi tat-trasport pubbliku lokali bil-karozzi tal-linja, jew permezz tal-organizzazzjoni tagħhom stess jew inkella permezz ta' kumpanija amministrattiva [14] mwaqqfa minnhom. Is-CTA jipprevedi li meta kontea twaqqaf kumpanija amministrattiva, il-fondi maħsuba għall-finanzjament ta' servizzi tat-trasport pubbliku lokali bil-karozzi tal-linja,

[7] ĠU C 204, 12.7.2012, p. 15 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 37, 5.7.2012, p. 26.
[8] Ara d-deċiżjoni tal-ftuħ fil-paragrafi 122–124.
[9] Ara l-parti operattiva tad-deċiżjoni tal-ftuħ fl-Artikolu 1.
[10] L-Att tal-21.6.2002, Nru 45 (li daħal fis-seħħ fl-1.1.2003).
[11] Ir-Regolament tas-26.3.2003, Nru 401 (li daħal fis-seħħ fl-1.4.2003).
[12] L-Att tal-4.6.1976, Nru 63 (li daħal fis-seħħ fl-1.7.1977). Imħassar u sostitwit mis-CTA fl-1.1.2003.
[13] Ir-Regolament tat-12.8.1986 Nru 2170 (li daħal fis-seħħ fl-1.1.1987) u r-Regolament tal-4.12.1992 Nru 1013 (li daħal fis-seħħ fl-1.1.1994). It-tnejn li huma mħassra u sostitwiti mis-CTR fil-1.4.2003.
[14] Bin-Norveġiż: *Administrasjonsselskap.*

jiġu allokati għall-kumpanija inkwistjoni ([15]). Il-kumpaniji amministrattivi jistgħu jew jiksbu servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja mingħand parti terza, jew inkella jistgħu jipprovdu s-servizzi huma stess.

### 3.3 Il-kofinanzjament ta' servizzi tat-trasport lokali mill-Istat u mill-kontej

(28) Il-kontej jiffinanzjaw parzjalment is-servizzi tat-trasport lokali bid-dħul mit-taxxi. Barra minn hekk, fil-qafas tas-CTA, il-kontej jirċievu finanzjament mill-Istat f'forma ta' għotjiet globali annwali ([16]). L-ammont tal-għotjiet jiġi determinat fuq il-bażi ta' kemm il-kontej ikunu jeħtieġu kontribuzzjonijiet mill-Istat. Għalhekk, il-kontej iridu jipprovdu lill-Ministeru tat-Trasport b'baġits, kontijiet u informazzjoni oħra rilevanti meħtieġa biex tiġi vvalutata l-ħtieġa għal kontribuzzjonijiet ([17]). L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li f'każ li kontea tnaqqas l-ammont tal-għotja globali użata għall-finanzjament ta' kosti marbuta mat-trasport lokali skedat, dan ikollu konsegwenzi fuq l-għotjiet li jsiru fil-ġejjieni.

### 3.4 Il-konċessjonijiet

#### 3.4.1 *Introduzzjoni*

(29) Skont is-CTA, il-konċessjonijiet huma indispensabbli biex jingħataw servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bil-karozzi tal-linja b'remunerazzjoni (jiġifieri meta l-utenti [il-passiġġieri] iħallsu għas-servizzi tat-trasport) ([18]).

(30) Jinħtieġu konċessjoni ġenerali kif ukoll konċessjoni speċjali għall-operaturi li joffru servizzi tat-trasport tal-passiġġieri skedat bil-karozzi tal-linja b'remunerazzjoni.

#### 3.4.2 *Konċessjoni ġenerali għat-trasport tal-passiġġieri*

(31) L-impriżi li jipprovdu servizzi tat-trasport tal-passiġġieri b'remunerazzjoni jrid ikollhom konċessjoni ġenerali ([19]). Sabiex tinkiseb konċessjoni ġenerali, l-applikant irid (i) jipprovdi ċertifikat ta' kondotta tajba, (ii) ikollu mezzi u kapaċitajiet finanzjarji sodisfaċenti, u (iii) ikollu kwalifiki professjonali sodisfaċenti ([20]). Il-konċessjonijiet ġenerali mhumiex limitati biż-żmien ([21]).

#### 3.4.3 *Konċessjonijiet speċjali għat-trasport tal-passiġġieri skedat*

(32) Apparti l-konċessjoni ġenerali, kwalunkwe impriża li tkun tixtieq tipprovdi trasport tal-passiġġieri skedat b'remunerazzjoni jrid ikollha konċessjoni speċjali ([22]). Hemm żewġ tipi ta' konċessjonijiet speċjali: (i) il-konċessjonijiet skont iż-żona, u (ii) il-konċessjonijiet speċifiċi għar-rotot. Il-konċessjoni skont iż-żona hija ta' natura residwa, għar-raġuni li din tippermetti lid-detentur tagħha jopera servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja fiż-żona kollha koperta, sakemm ma jkunux ingħataw konċessjonijiet speċifiċi għar-rotot fiż-żona inkwistjoni. Id-detentur ta' konċessjoni speċifika għar-rotta huwa l-unika entità intitolata li topera servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja fuq dik ir-rotta.

(33) Il-konċessjoni speċjali tagħti lill-konċessjonarju kemm id-dritt kif ukoll id-dmir li jipprovdi s-servizz tat-trasport skont kif stipulat fil-konċessjoni ([23]). Meta kwalunkwe entità tapplika għal konċessjoni speċjali, din trid tippreżenta proposta ta' skeda u ta' tariffi tat-trasport ([24]). L-iskedi u t-tariffi huma soġġetti għall-kontroll tal-kontej ([25]). Il-kontej jistgħu jordnaw li jsiru xi bidliet fl-iskedi u fit-tariffi ([26]).

(34) Il-konċessjonijiet speċjali jistgħu jingħataw jew (i) fil-qafas ta' proċedura tal-offerti (mogħtija għall-perjodu determinat mill-proċedura tal-offerti, ([27]) li jkun x'ikun il-każ, qatt ma jaqbeż l-10 snin ([28])), jew inkella (ii) direttament mingħajr ma tintuża offerta (mogħtija għal perjodu ta' 10 snin) ([29]).

### 3.5 Sistemi għall-ħruġ ta' biljetti

(35) Il-konċessjonarji jridu jużaw is-sistemi għall-ħruġ ta' biljetti approvati mill-kontej ([30]).

([15]) L-Artikolu 23 tas-CTA.
([16]) L-Artikolu 22(3) tas-CTA.
([17]) L-Artikolu 22(4) tas-CTA.
([18]) L-Artikoli 4 u 6 tas-CTA.
([19]) L-Artikolu 4(1) tas-CTA.
([20]) L-Artikolu 4(2) tas-CTA u l-Kapitolu I tas-CTR.
([21]) L-Artikolu 27(1) tas-CTA.
([22]) L-Artikolu 6(1) tas-CTA.
([23]) L-Artikolu 25 tas-CTR.
([24]) L-Artikoli 28 u 29 tas-CTR. L-Awtorità tqis li dawn huma l-aktar rekwiżiti rilevanti biex tiġi deskritta l-iskema nazzjonali, madankollu, hemm għadd ta' rekwiżiti dettaljati oħra maħsuba għall-għoti ta' konċessjoni speċjali stabbiliti fis-CTR.
([25]) Il-Ministeru tat-Trasport iddelega fuq il-kontej, il-kompetenza tiegħu għall-iffissar tat-tariffi. Madankollu, ċerti ribassi jiġu determinati fuq livell nazzjonali. Fil-prattika, il-Ministeru ta struzzjonijiet lill-kontej kollha biex jiżguraw li l-operaturi tat-trasport lokali skedat bil-karozzi tal-linja li jwettqu servizz pubbliku, joffru tnaqqis fil-prezz ta' 50 % għat-tfal, għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità.
([26]) L-Artikoli 28 u 29(2) tas-CTR. Fuq il-bażi tal-Artikolu 28(3) tas-CTR, il-Ministeru tat-Trasport huwa kompetenti biex jagħti linji gwida dwar il-kontenut u l-pubblikazzjoni tal-iskedi tat-trasport. L-ittra ċirkolari N-1/2006 tal-Ministeru tat-Trasport fiha linji gwida supplimentari dwar il-pubblikazzjoni tal-iskedi tar-rotot. Qabel l-2006, l-Artikolu 28 tas-CTR kien jirregola ċerti aspetti tal-pubblikazzjoni tal-iskedi tar-rotot. Dawn l-aspetti tħassru fl-2006. Fil-prattika, l-ittra ċirkolari N-1/2006 tirreferi għad-dispożizzjoni l-antika (l-Artikolu 28 tas-CTR) kif kienet qabel ma saret l-emenda, u tiddikjara li, sakemm jingħata avviż ieħor, ir-rekwiżiti li jinsabu fid-dispożizzjoni l-antika għandhom jitqiesu bħala linja gwida għall-kontenut tal-iskedi tar-rotot.
([27]) L-Artikolu 27(2) tas-CTA.
([28]) Kif iddikjarat fix-xogħlijiet preparatorji, il-Kapitolu 10.1 tal-Proposta 113 L (2009–2010).
([29]) L-Artikolu 8 tas-CTA. Il-possibilità li jingħataw il-konċessjonijiet b'offerta ġiet introdotta permezz ta' emenda tal-Att dwar it-Trasport tal-1976 bl-Att tal-11.6.1993 Nru 85 (li daħal fis-seħħ fl-1.1.1994).
([30]) L-Artikolu 30(1) tas-CTR. Il-Ministeru tat-Trasport għandu s-setgħat li jagħti linji gwida ġenerali għall-użu ta' sistemi ta' ħruġ ta' biljetti elettroniċi (l-Artikolu 30(2) tas-CTR). Il-Ministeru ta linji gwida bħal dawn fil-forma tal-ittra ċirkolari N-1/2006 tiegħu. F'din l-ittra ċirkolari l-Ministeru ddeċieda li d-dokument segwenti għandu jservi ta' mudell standard għas-sistemi ta' ħruġ ta' biljetti elettroniċi – il-Parti 3 tal-Manwal 206 tal-Amministrazzjoni Norveġiża inkarigata mit-Toroq Pubbliċi (bin-Norveġiż: *Statens Vegvesen*).

### 3.6 **Il-kuntratti**

(36) Biex jikkumplimentaw il-konċessjonijiet, il-kontej jistgħu jidħlu f'kuntratti mal-konċessjonarji dwar il-forniment tas-servizz pubbliku. Il-kontej huma liberi li jiddeterminaw il-forma ta' dawn il-kuntratti ([31]).

### 3.7 **Il-kumpens lill-konċessjonarji**

(37) Il-kontej jinżammu responsabbli għall-kumpens tal-konċessjonarji ([32]). Il-kumpens jingħata biss lill-impriżi li joperaw fuq rotot li ma jrendux (jiġifieri fejn id-dħul iġġenerat mill-bejgħ tal-biljetti ma jkoprix il-kost tal-operar tas-servizz).

(38) Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, fil-qafas tal-Artikolu 22 tas-CTA, il-kontej huma obbligati li jikkumpensaw lill-operaturi għall-forniment tas-servizz tat-trasport fuq rotot li ma jrendux, li jkunu jixtiequ jistabbilixxu jew iżommu fir-reġjun tagħhom ([33]). Il-kontej huma liberi li jiddeterminaw il-mod li bih il-konċessjonarji għandhom jiġu kkumpensati; is-CTA u s-CTR ma jinkludu l-ebda dispożizzjoni partikolari dwar kif għandu jingħata l-kumpens.

(39) L-Awtorità tifhem li l-Artikolu 22 tas-CTA jiġi interpretat bħala li jippermetti li jingħata kumpens b'tali mod li jkopri l-kost tas-servizz pubbliku (inkluż profitt raġonevoli) apparti d-dħul mill-bejgħ tal-biljetti. Skont l-Awtorità, kumpens li jkun imur lil hinn minn dak il-kost, ma jistax ikun ibbażat fuq is-CTA.

([31]) L-Artikolu 22(5) tas-CTA. Il-Ftehim dwar it-Trasport tal-1997 bejn AS Oslo Sporveier u AS Sporveisbussene, imsemmi hawn taħt, huwa eżempju ta' tali kuntratt.

([32]) L-Artikolu 22(1) tas-CTA.

([33]) L-awtoritajiet Norveġiżi, fil-kummenti tagħhom relatati mad-deċiżjoni tal-ftuħ, ikkonfermaw dan il-fatt u spjegaw, b'referenza għal-letteratura legali (*Norsk lovkommentar*), li d-dispożizzjoni preċedenti – l-Artikolu 24a tal-Att dwar it-Trasport tal-1976 – kienet interpretata bl-istess mod. Fir-rigward tal-kumpensi, in-*Norsk Lovkommentar* li tikkonċerna l-Att dwar it-Trasport tal-1976 (disponibbli fuq http://www.rettsdata.no/ (l-aċċess għaliha jirrikjedi sħubija bil-ħlas)), fin-Nota 43 tagħha tiddikjara s-segwenti (bin-Norveġiż): "I rutetransporten vil det dog ofte være aktuelt å pålegge utøver en større rutetjeneste som sammenholdt med de takster som godkjennes, ikke gir et forsvarlig økonomisk grunnlag. I slike tilfeller kan plikten bare opprettholdes dersom det ytes tilskudd, jf. § 24 a". Traduzzjoni tal-Awtorità: "Madankollu, għat-trasport skedat, ta' spiss se jkun xieraq li l-operatur tat-trasport jintalab biex jipprovdi servizz aktar komprensiv li, fid-dawl tal-prezzijiet massimi ffissati, ma jkunx ta' interess finanzjarju għalih. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-obbligu tas-servizz pubbliku jista' jinżamm biss jekk dan jiġi kkumpensat (ara l-Artikolu 24a)."

## 4. KUNTEST ULTERJURI – IL-LEĠIŻLAZZJONI TA' QABEL IL-FTEHIM ŻEE DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU SKEDAT – L-ATT DWAR IT-TRASPORT TAL-1976

### 4.1 **Introduzzjoni**

(40) Bi tweġiba għad-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Norveġiżi pprovdew informazzjoni addizzjonali dwar l-istorja tas-sistema ta' kumpensi għas-servizzi tat-trasport lokali skedat.

### 4.2 **Ir-responsabbiltà ċentralizzata fil-livell tal-Istat għat-trasport lokali skedat**

(41) L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li, meta daħal fis-seħħ l-Att dwar it-Trasport tal-1976 ([34]), l-Istat (il-Ministeru tat-Trasport) kien responsabbli mis-servizzi tat-trasport lokali skedat. L-aġenziji tal-Istat inkarigati mit-trasport kienu jimmaniġġjaw it-trasport lokali skedat f'kull kontea.

### 4.3 **Il-proċess ta' deċentralizzazzjoni**

#### 4.3.1 *Introduzzjoni*

(42) Ftit wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar it-Trasport tal-1976, ingħata bidu għal proċess ta' deċentralizzazzjoni. Mill-1 ta' Jannar 1979, is-setgħat tal-Ministeru tat-Trasport setgħu jiġu delegati lill-kontea. Fl-istess ħin, l-aġenziji tal-Istat inkarigati mit-trasport ġew mibdula f'korpi amministrattivi tal-kontea.

(43) Fl-1981, permezz tal-introduzzjoni tal-Artikolu 24a fl-Att dwar it-Trasport tal-1976, l-Istat ipprovda finanzjament lill-kontej, u b'hekk seta' jikkonferixxi r-responsabbiltà għall-finanzjament tat-trasport lokali skedat lill-kontej ([35]). F'Oslo, l-Artikolu 24a sar applikabbli fl-1983, meta l-Muniċipalità ta' Oslo (li hija wkoll kontea) ([36]) rċeviet għall-ewwel darba tali finanzjament.

#### 4.3.2 *Ir-Regolament tal-1980*

(44) Element ieħor importanti tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni kien ir-Regolament tad-19 ta' Diċembru 1980 dwar il-kumpens għall-forniment ta' trasport lokali skedat ("ir-Regolament tal-1980"). L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-1980 jiddikjara li l-kontea għandha r-responsabbiltà li tiffinanzja t-trasport lokali skedat. Skont l-Artikolu 3, l-ammont tal-kumpens jiġi deċiż fuq bażi annwali, abbażi tad-differenza bejn l-introjtu stmat skont it-tariffi u l-iskontijiet deċiżi, u l-kosti raġonevoli.

([34]) L-Att tal-4.6.1976, Nru 63 (li daħal fis-seħħ fl-1.7.1977). Imħassar u sostitwit mis-CTA fl-1.1.2003.

([35]) Ara x-xogħlijiet preparatorji tal-emenda tal-Att dwar it-Trasport tal-1976 – proposta Nru 16 (1980–81), il-paġna 2.

([36]) Il-Muniċipalità ta' Oslo hija kontea, kif ukoll muniċipalità. F'dan li ġej, issir referenza għaliha bħala l-Muniċipalità ta' Oslo.

(45) Ir-Regolament tal-1980 jinkludi wkoll regoli dwar il-kontroll tal-informazzjoni u dwar l-aċċess għaliha u jiċċara r-rwoli tal-Ministeru tat-Trasport min-naħa l-waħda u tal-kontej min-naħa l-oħra. L-Artikolu 7 jipprovdi l-bażi legali għall-Ministeru biex joħroġ regoli u linji gwida addizzjonali għall-kumpens relatat mat-trasport lokali skedat.

### 4.3.3 *Ir-Regolament tal-1982 u l-Ftehim Standard Prinċipali bejn KS u NABC*

(46) Fl-1 ta' Jannar 1983, ir-Regolament tal-1980 ġie sostitwit permezz tad-dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid – ir-Regolament tat-2 ta' Diċembru 1982 dwar il-kumpens għall-forniment tat-trasport lokali skedat ("ir-Regolament tal-1982"). L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-1982 jimponi l-obbligu fuq il-kontej li jidħlu fi ftehimiet mal-konċessjonarji dwar il-kumpens għall-forniment tat-trasport pubbliku skedat. Fuq din il-bażi, l-organizzazzjoni KS (l-Assoċjazzjoni Norveġiża tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali) u l-Assoċjazzjoni Norveġiża tal-Kumpaniji tal-Karozzi tal-Linja ("NABC"), ([37]) ikkonkludew ftehim standard prinċipali ("il-Ftehim Standard Prinċipali bejn KS u NABC") u ftehim standard ta' kumpens annwali li għandu jintuża minn kull kontea meta tikkonkludi ftehimiet għall-forniment ta' servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja. Fir-rigward tal-kalkolu tal-kumpens, il-ftehim standard kien ibbażat fuq l-istess prinċipji bħall-Artikolu 3 tar-Regolament tal-1980. Il-ftehim standard prinċipali kien jipprevedi wkoll separazzjoni tal-kosti bejn is-servizzi tat-trasport pubbliku u servizzi kummerċjali oħra.

### 4.3.4 *Ir-Regolament tal-1985*

(47) Fl-1985, flimkien mal-adozzjoni ta' sistema ġdida ta' introjtu għall-kontej, ġie adottat Regolament ġdid dwar il-Kumpens għat-Trasport Lokali ("ir-Regolament tal-1985"). Is-sistema l-ġdida ta' introjtu għall-kontej (u għall-muniċipalitajiet) kienet tinvolvi li l-kontribuzzjoni ċentrali għat-trasport lokali tingħata bħala somma sħiħa. Ir-Regolament tal-1985 prinċipalment kien jiffoka fuq ir-relazzjoni ta' bejn il-Ministeru tat-Trasport u l-kontej. Ir-Regolament tal-1985 tħassar fl-1 ta' Jannar 1987.

## 5. L-ORGANIZZAZZJONI TAT-TRASPORT LOKALI SKEDAT BIL-KAROZZI TAL-LINJA F'OSLO

(48) Kif intqal hawn fuq, ir-responsabbiltà għall-forniment ta' servizzi tat-trasport pubbliku lokali skedat, hija kkonferita lill-kontej.

(49) Qabel l-1994, l-amministrazzjoni kollha tat-trasport pubbliku f'Oslo saret minn AS Oslo Sporveier, ([38]) billi l-Muniċipalità ta' Oslo kienet iddelegat il-kompitu tal-ippjanar u tal-amministrazzjoni tat-trasport pubbliku f'Oslo lil din il-kumpanija ([39]). Fl-istess ħin, dipartiment intern ([40]) ta' AS Oslo Sporveier kien jopera fil-biċċa l-kbira ([41]) tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo. Kien iwettaq din l-attività abbażi ta' konċessjoni skont iż-żona mogħtija fis-16 ta' Novembru 1992, li ppermettiet lil AS Oslo Sporveier topera servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja li jkopru n-netwerks kollha ta' Oslo, sakemm ma kinux ingħataw konċessjonijiet speċifiċi għar-rotot oħrajn.

(50) Il-konċessjoni kienet ingħatat għall-perjodu ta' 10 snin, b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 1990.

(51) Barra minn hekk, mill-1994, AS Oslo Sporveier bdiet topera f'servizzi bil-kowċis turistiċi fuq skala żgħira, li kienu jaqgħu barra mill-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku.

(52) Fit-23 ta' April 1997, id-dipartiment tal-karozzi tal-linja, inkluża t-taqsima żgħira tal-kowċis turistiċi, ġie separat minn AS Oslo Sporveier u ġie trasferit f'kumpanija li kienet għadha kemm ġiet stabbilita, AS Sporveisbussene. Minn dakinhar AS Sporveisbussene bdiet topera fis-servizzi tat-trasport lokali skedat bil-karozzi tal-linja, f'konformità mal-konċessjoni mogħtija lil AS Oslo Sporveier.

(53) Fit-23 ta' April 1997, il-kumpaniji ffirmaw Ftehim dwar it-Trasport, li kellu effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 1997 ("il-Ftehim dwar it-Trasport"). Il-Ftehim dwar it-Trasport kellu jiskadi fid-data ta' skadenza tal-konċessjoni eżistenti (jiġifieri l-31 ta' Diċembru 1999), iżda kien se jibqa' jiġi estiż awtomatikament minn sena għall-oħra, sakemm il-konċessjoni skont iż-żona ta' AS Oslo Sporveier kienet se tiġġedded. F'konformità ma' dan il-Ftehim dwar it-Trasport, AS Sporveierbussene ħadet f'idejha l-attivitajiet ta' servizz pubbliku ta' AS Oslo Sporveier u rċeviet kumpens annwali direttament mingħand AS Oslo Sporveier għal dawn is-servizzi.

(54) Il-konċessjoni skont iż-żona ġġeddet għal 10 snin oħra fl-20 ta' Settembru 2001, b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2000.

([37]) Bin-Norveġiż: Norsk Rutebileierforbund.

([38]) Sa mill-1934 il-Muniċipalità ta' Oslo prattikament kienet l-unika proprjetarja ta' AS Oslo Sporveier (bi sjieda ta' 98,8 %). L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li fl-2002, il-Muniċipalità ta' Oslo akkwistat il-bqija tal-ishma u b'hekk saret proprjetarja b'100 % ta' AS Oslo Sporveier.

([39]) Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, il-Muniċipalità ta' Oslo kienet involuta fil-kwistjonijiet kollha ta' importanza kummerċjali li jirrigwardaw it-twettiq tas-servizzi tat-trasport kollettiv bil-karozzi tal-linja minn AS Oslo Sporveier, inklużi l-aspetti finanzjarji tal-ftehimiet/kuntratti mas-sussidjarji (bħal AS Sporveisbussene) jew ma' partijiet terzi oħra. Il-Muniċipalità ta' Oslo kienet involuta permezz tal-bord maniġerjali ta' AS Oslo Sporveier.

([40]) Barra minn hekk, AS Oslo Sporveier kellha dipartimenti oħra li, kienu joperaw, *inter alia*, servizzi tat-trasport bil-metrò, bit-tramm u bil-laneċ.

([41]) Tliet operaturi oħra, ING. M.O. Schøyens Bilcentraler A/S, Norgesbuss AS/Oslo, u Follo Busstrafikk A/S kellhom ukoll konċessjonijiet għall-forniment ta' servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linji fuq xi rotot speċifiċi f'Oslo. Fl-1996, Norgesbuss AS/Oslo akkwistat lil Follo Busstrafikk A/S u b'hekk wirtet il-konċessjonijiet tagħha.

(55) Fl-2001, il-Muniċipalità ta' Oslo ddeċidiet li s-servizzi kollha tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo kellhom jingħataw b'offerta. Fuq din il-bażi, it-trasport skedat bil-karozzi tal-linja ġie gradwalment sottomess għal offerta pubblika f'ħames lottijiet matul il-perjodu li jkopri mill-2003 sal-2008. Il-kuntratti rispettivi daħlu fis-seħħ fis-sena ta' wara dik li matulha kienu ngħataw b'offerta. L-aħħar lott kien ingħata b'offerta fl-2007, u l-aħħar kuntratt daħal fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2008.

(56) Minħabba n-natura residwa tagħha, il-firxa tal-konċessjoni skont iż-żona ġiet imnaqqsa f'konformità mas-sejħa għall-offerti gradwali tar-rotot li xi darba kienu koperti mill-konċessjoni skont iż-żona. Għaldaqstant, il-konċessjoni skont iż-żona li ngħatat lil AS Oslo Sporveier skadiet fit-30 ta' Marzu 2008 (meta s-servizzi kollha tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo ngħataw b'offerta). Hekk kif skadiet il-konċessjoni, il-Ftehim dwar it-Trasport ukoll ġie fi tmiemu.

(57) Kif stabbilit hawn fuq, fl-1997 AS Sporveisbussene ħadet f'idejha t-taqsima żgħira tal-kowċis turistiċi minn AS Oslo Sporveier.

(58) Fl-2003, AS Sporveisbussene stabbilixxiet kumpanija sussidjarja, Nexus Trafikk AS, sabiex tipparteċipa fl-offerti relatati mal-operat tar-rotot tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo. Fl-2005, AS Sporveisbussene akkwistat lill-kumpanija Arctic Express AS u lis-sussidjarja tagħha Lavprisexpressen.no, involuti f'servizzi ta' trasport ekspress fl-ajruporti u ta' trasport reġjonali bil-karozzi tal-linja. Fl-2006, it-taqsima tal-kowċis turistiċi ġiet separata minn AS Sporveisbussene f'kumpanija li kienet għadha kemm ġiet stabbilita, Sporveisbussenes Turbiler AS, li tappartjeni 100 % lil AS Sporveisbussene.

(59) Mill-1 ta' Lulju 2006 sal-1 ta' Jannar 2007, l-amministrazzjoni tat-trasport pubbliku f'Oslo ġiet riorganizzata. Ġiet stabbilita kumpanija ġdida bl-isem AS Oslo Sporveier (l-"AS Oslo Sporveier il-ġdida"). L-eks AS Oslo Sporveier bidlet isimha għal Kollektivtransportproduksjon AS ("KTP"). Il-funzjonijiet amministrattivi tal-eks AS Oslo Sporveier ġew trasferiti lill-AS Oslo Sporveier il-ġdida.

(60) KTP żammet il-parti operattiva ta' AS Oslo Sporveier u s-sjieda ta' AS Sporveisbussene. Din tal-aħħar saret kumpanija ewlenija bi tliet sussidjarji. Is-sussidjarji ngħataw isem ġdid (minn Nexus Trafikk AS għal Unibuss AS; minn Sporveisbussenes Turbiler AS għal Unibuss Tur AS; u minn Arctic Express AS għal Unibuss Ekspress AS).

(61) Fl-2009, AS Sporveisbussene ngħaqdet ma' Unibuss AS. Din il-kumpanija żammet l-isem Unibuss AS u saret il-kumpanija ewlenija li żammet is-sjieda ta' Unibuss Tur AS u ta' Unibuss Ekspress AS.

## 6. IL-KUMPENS GĦALL-OBBLIGU TAS-SERVIZZ PUBBLIKU F'OSLO

### 6.1 **Il-prassi amministrattiva**

(62) Kif ġie indikat qabel, il-Muniċipalità ta' Oslo tinżamm responsabbli għall-kumpens tal-operaturi tas-servizzi pubbliċi li hi tkun tixtieq tistabbilixxi jew iżżomm fir-reġjun tagħha [42].

(63) F'Oslo, hemm sistema ta' ħruġ ta' biljetti komuni li tapplika għall-operaturi kollha tas-servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja, bit-tramm, bil-metrò u bil-laneċ. L-operaturi tas-servizzi pubbliċi mhumiex responsabbli mis-sistema ta' ħruġ ta' biljetti. Is-sistema ta' ħruġ ta' biljetti hija r-responsabbiltà ta' KTP (preċedentement AS Oslo Sporveier), u l-prezzijiet tal-biljetti huma sottomessi għall-kontroll tal-Muniċipalità ta' Oslo.

(64) Il-konċessjonarju huwa permess li jżomm l-introjtu mill-biljetti ġġenerat mill-operat tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja [43]. Meta l-introjtu mill-biljetti ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-kost tal-operat, il-konċessjonarju huwa eliġibbli li jirċievi kumpens għas-servizz pubbliku mill-Muniċipalità ta' Oslo.

(65) F'Oslo, sa mis-snin 80, u sakemm il-kuntratti ngħataw b'offerta, il-kumpens fil-qafas tal-kuntratti mogħtija direttament, kien jiġi determinat f'konformità mal-proċedura deskritta f'dan li ġej. Essenzjalment, somma sħiħa li tkopri d-differenza bejn il-kosti stmati għall-operat tas-servizz pubbliku inkwistjoni u l-introjtu mill-bejgħ ta' biljetti, kienet tiġi determinat mill-Muniċipalità ta' Oslo u mill-konċessjonarju [44]. Dan il-kalkolu kien isir bħala parti mill-proċess tal-baġit ġenerali fil-Muniċipalità ta' Oslo. Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, il-proċess tal-baġit jista' jiġi deskritt kif ġej:

| | |
|---|---|
| Jannar/Frar | Il-Gvern tal-Belt (*Byrådet*) jiddeċiedi l-limiti tal-baġit għas-sena d-dieħla. |
| Marzu | Id-dipartimenti u l-impriżi muniċipali jiġu infurmati dwar il-limiti tal-baġit u dwar il-limitu ta' żmien biex jiġu ppreżentati l-proposti tal-baġit. |
| Marzu/April | L-impriżi muniċipali jindirizzaw il-baġit tas-sena ta' wara. |
| Mejju | Id-dipartimenti u l-impriżi muniċipali jippreżentaw il-proposti tagħhom tal-baġit ibbażati fuq l-introjtu u l-kosti tas-snin ta' qabel, il-livell tal-attività, il-limiti tal-baġit u s-suppożizzjonijiet dwar l-iżvilupp tal-kosti fil-ġejjieni u t-titjib fl-effiċjenza. |

[42] L-Artikolu 22 tas-CTA.

[43] Dan jikkorrespondi mad-dħul kollu mill-biljetti ġġenerat mill-bejgħ dirett fuq il-karozzi tal-linja tal-konċessjonarju inkwistjoni, flimkien ma' sehem tad-dħul mill-biljetti li joriġina minn AS Oslo Sporveier, Stor-Oslo Lokaltrafikk (il-predeċessur ta' Ruter AS, kumpanija bi sjieda pubblika, responsabbli mill-immaniġġjar tat-trasport lokali skedat f'Oslo) u minn Norges Statsbaner AS (kumpanija bi sjieda pubblika, responsabbli mit-trasport ferrovjarju fin-Norveġja).

[44] Mill-1983, abbażi tal-Artikolu 24a tal-Att dwar it-Trasport tal-1976, tar-Regolament tal-1982 u tal-Ftehim Standard Prinċipali bejn KS u NABC. L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-prassi essenzjalment baqgħet ma nbidlitx abbażi tal-Artikolu 22 tas-CTA wara li dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

| | |
|---|---|
| Ġunju – Awwissu | Isiru diskussjonijiet bejn id-dipartimenti/l-impriżi u l-unità governattiva kompetenti sabiex jiġu ċċarati l-baġit u l-attivitajiet koperti minn din tal-aħħar. |
| Settembru | Il-Gvern tal-Belt iħabbar il-proposta tal-baġit. |
| Ottubru | Il-kumitati differenti tal-Kunsill tal-Belt (*Bystyret*) jindirizzaw il-partijiet differenti tal-baġit. |
| Ottubru/Novembru | Il-Gvern tal-Belt jipproponi baġit rivedut. |
| Diċembru | Il-Kunsill tal-Belt japprova l-baġit. |

(66) Abbażi tal-proposti tal-baġit (u tal-emendi eventwali li saru matul id-diskussjonijiet dwar il-baġit fil-Kunsill tal-Belt), il-kumpens ingħata skont deċiżjonijiet dwar il-baġit fil-limitu ta' ċerti suppożizzjonijiet speċifikati f'kull deċiżjoni, jiġifieri l-kisba ta' ċertu titjib fl-effiċjenza u ż-żamma tas-servizzi tat-trasport pubbliku tas-sena preċedenti. Id-deċiżjonijiet kienu jinkludu wkoll ċerti għanijiet fir-rigward ta', *inter alia*, il-volum ta' servizzi tat-trasport ipprovduti u l-kost għal kull vjaġġ.

(67) Il-valutazzjoni tal-ammont tal-kumpens kienet ibbażata fuq il-kosti mġarrba fis-snin preċedenti, ikkoreġuti biex jieħdu inkunsiderazzjoni t-titjib fl-effiċjenza, l-iżvilupp tal-indiċi Norveġiż tal-prezzijiet tal-konsumatur, is-salarji, it-taxxi, u l-liġijiet u r-regolamenti li jkunu jolqtu l-kosti.

(68) Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, inżammu kontijiet separati għall-attivitajiet tas-servizz pubbliku u għall-attivitajiet kummerċjali (jiġifieri s-servizz bil-kowċis turistiċi) imwettqa minn AS Oslo Sporveier. Barra minn hekk, il-kost tal-attivitajiet kummerċjali ta' AS Oslo Sporveier ma ġiex ikkunsidrat għall-kalkolu tal-kumpens annwali għas-servizzi pubbliċi.

(69) Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, fil-qafas tal-Ftehim dwar it-Trasport konkluż fl-1997, li skada fit-30 ta' Marzu 2008 meta l-kuntratti kollha ta' servizz pubbliku kienu ngħataw b'offerta u meta anke l-konċessjoni skont iż-żona skadiet, il-kalkolu tal-kumpens sar fuq bażi annwali f'konformità mal-prinċipji deskritti hawn fuq.

(70) B'hekk, il-kumpens għas-servizz pubbliku kien determinat f'konformità mal-istess proċedura. L-ammont kien ikkalkulat abbażi tad-differenza bejn il-kost u d-dħul tas-servizz pubbliku u aġġustat f'konformità mal-istess fatturi ta' korrezzjoni matul il-perjodu kollu tal-valutazzjoni. Inżammu kontijiet separati għall-attivitajiet tas-servizz pubbliku u għall-attivitajiet kummerċjali.

### 6.2 **Il-profittabilità tas-servizz pubbliku**

(71) Skont prospett tar-riżultati annwali tal-attivitajiet ta' trasport bil-karozzi tal-linja ta' AS Oslo Sporveier u ta' AS Sporveisbussene, ippreżentat mill-awtoritajiet Norveġiżi, il-profitt annwali medju tal-kumpaniji kien ta' 0,49 % fil-perjodu li jkopri mill-1994 sal-2008. Madankollu, din iċ-ċifra tinkludi d-dħul li oriġina mill-attivitajiet kummerċjali mill-2005 'il quddiem. Ir-redditu annwali medju għall-perjodu li jkopri mill-1994 sal-2005, li d-dejta ppreżentata fir-rigward tiegħu mill-awtoritajiet Norveġiżi tikkonċerna esklużivament s-servizz pubbliku, kien ta' 1,98 % ([45]).

### 6.3 **L-introduzzjoni ta' sistema ta' bonus/malus għall-kwalità**

(72) Kif spjegat hawn fuq, fl-1997 AS Sporveisbussene bdiet tipprovdi servizzi tat-trasport lokali skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo f'konformità mal-konċessjoni mogħtija lil AS Oslo Sporveier. Barra minn hekk, ġie konkluż il-Ftehim dwar it-Trasport bejn AS Oslo Sporveier u AS Sporveisbussene. L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-Ftehim dwar it-Trasport, introduċa l-kunċett ta' mudell, li jrid jiġi definit minn AS Oslo Sporveier, li kellu jservi ta' kejl tal-kwalità tas-servizzi bil-karozzi tal-linja. L-intenzjoni kienet li jinstab mudell li jinċentivizza lil AS Sporveisbussene biex tipprovdi servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja ta' kwalità. Il-Ftehim dwar it-Trasport ippreveda li din is-sistema kellha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2008.

(73) Fl-2004, intlaħaq ftehim dwar il-mudell speċifiku għas-sistema ta' *bonus/malus*. ([46]) Skont din is-sistema, il-prestazzjoni ta' AS Sporveisbussene tiġi vvalutata abbażi tal-kriterji li ġejjin: (i) is-sodisfazzjon totali tal-klijenti, (ii) il-puntwalità, (iii) il-livell ta' sigurtà u ta' kumdità, u (iv) il-karattru soċjevoli tas-sewwieq. Is-sodisfazzjon tal-klijenti titkejjel abbażi ta' stħarriġ. Il-puntwalità titkejjel abbażi ta' dejta oġġettiva.

(74) Fl-2004, AS Oslo Sporveier ta bonus għall-kwalità lil AS Sporveisbussene bl-ammont ta' NOK 3,9 miljun. Dan jirrappreżenta 0,8 % tad-dħul li għamlet AS Sporveisbussene matul dik is-sena (NOK 483,5 miljun). L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li huma jaraw il-bonus għall-kwalità bħala parti mill-profitt raġonevoli. Huma ma nfurmawx lill-Awtorità b'bonuses oħra għall-kwalità li ngħataw.

### 6.4 **Servizzi tal-intragrupp u l-allokazzjoni tal-kosti komuni**

(75) Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, is-servizzi kummerċjali tat-trasport bil-karozzi tal-linja operati minn AS Sporveisbussene kellhom bżonn is-servizzi ta' AS Oslo Sporveier sa ċertu punt biss. Fil-biċċa l-kbira tagħhom tali servizzi tal-intragrupp ġew skambjati bejn is-sussidjarji tal-Grupp Oslo Sporveier.

(76) Mill-1994, is-servizzi tal-intragrupp kienu skambjati primarjament abbażi ta' ftehimiet bejn il-kumpaniji tal-grupp. Il-kosti tas-servizzi kienu bbażati fuq il-prezzijiet tas-suq, jekk kien hemm l-involviment ta' kumpaniji

([45]) Il-kalkolu tal-Awtorità.

([46]) Is-sistema hija deskritta fl-Anness ta' mal-Protokoll li jiddefinixxi l-kumpens dettaljat għas-servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja li AS Sporveisbussene kienet intitolata għalih għas-sena 2004.

esterni fil-forniment tas-servizzi. Eżempji ta' tali servizzi ma' fornituri esterni jinkludu b'mod indikattiv: ix-xiri konġunt ta' żejt tad-diżil, ta' żejt tal-magni jew ta' likwidi għal kontra l-glata, is-sullokazzjoni ta' karozzi tal-linja, il-lokazzjoni ta' proprjetà minn kumpaniji privati eċċ. Għal dawn is-servizzi, il-prezz intern kien jinkludi wkoll sehem proporzjonali tal-kosti fissi, kif ukoll kosti addizzjonali biex ikopru l-miżati ta' amministrazzjoni, fejn ikun rilevanti.

(77) Fir-rigward tas-servizzi tal-intragrupp ipprovduti minn AS Oslo Sporveier lil AS Sporveisbussene u lis-sussidjarji tagħha jew bejn is-sussidjarji, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-prezzijiet imħallsa għal tali servizzi kienu bbażati fuq il-kosti reali (pereżempju l-kiri ta' karozzi tal-linja u ta' sewwieqa f'okkażjonijiet speċifiċi, it-tindif tal-karozzi tal-linja) jew fuq il-volum użat (pereż. il-ħruġ ta' karti tal-identità) jew inkella kienu fis-siegħa, skont il-kumplessità tas-servizz mogħti. Il-prezz reali kien jinkludi l-kost tas-servizz, jiġifieri l-kosti marġinali, l-effetti esterni u ta' effikaċja, kif ukoll sehem proporzjonali tal-kosti fissi u tal-profitt. L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li tali prezzijiet ibbażati fuq il-kost jikkorrespondu mal-prezzijiet tas-suq.

(78) Kif ġie spjegat qabel, fl-2003 AS Sporveisbussene stabbilixxiet kumpanija sussidjarja, Nexus Trafikk AS, sabiex tipparteċipa fl-offerti relatati mal-operat tas-servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo. L-istabbiliment ta' sussidjarja ħoloq sitwazzjoni li fiha dawn iż-żewġ kumpaniji (AS Sporveisbussene u Nexus Trafikk AS) kienu qed jaqsmu ċerti kosti komuni minħabba li t-tnejn li huma kienu jipprovdu servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja. L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li din is-sitwazzjoni wasslet biex il-kumpaniji jistabbilixxu sistema ġdida għall-allokazzjoni tal-kosti komuni (il-ġodda). Is-sistema l-ġdida bdiet tapplika mill-2004 'il quddiem. Skont is-sistema l-ġdida, il-kosti komuni bħalma huma dawk marbuta mal-informatika u mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, il-kosti ġenerali tar-relazzjonijiet pubbliċi, ċerti kosti ta' persunal korporattiv, il-kosti ta' servizzi ta' konsulenza relatati ma' kuntratti ġenerali, il-kosti ta' servizzi ta' awditjar, ta' pensjonijiet, ta' assigurazzjonijiet, ta' kontabilità u ta' salarji kienu koperti mill-kumpaniji rilevanti kollha tal-grupp b'ċertu perċentwal tal-fatturat ta' kull kumpanija. Il-metodu biex jiġu kkalkolati dawn ir-rati tal-ispejjeż ġenerali huwa bbażat fuq l-identifikazzjoni annwali tal-kosti komuni kollha permezz tal-proċess tal-baġit. Imbagħad l-ammonti ta' dawn il-kosti jingħaddu flimkien u tiġi kkalkulata r-rata tal-ispejjeż ġenerali billi jiġu diviżi l-kosti komuni identifikati fil-fatturat totali ta' AS Sporveisbussene u tas-sussidjarji tagħha. Is-somma tal-kosti ġenerali bbaġitjati għal kull kumpanija tkopri l-kosti komuni inklużi fil-baġit totali. Ir-rata kienet […] % [47] għas-sena 2004, […] % [48] għall-2005 u għall-2006, u […] % [49] għall-2007 u għall-2008.

[47] Iċ-ċifra eżatta hi koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali. Din tinsab fil-medda ta' bejn 2 % u 7 %.

[48] Iċ-ċifra eżatta hi koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali. Din tinsab fil-medda ta' bejn 2 % u 7 %.

[49] Iċ-ċifra eżatta hi koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali. Din tinsab fil-medda ta' bejn 2 % u 7 %.

## 7. L-INJEZZJONI TA' KAPITAL TAT-2 TA' APRIL 2004

### 7.1 **L-ilment**

(79) L-ilmentatur jiddikjara li, fl-2004 AS Oslo Sporveier ittrasferixxiet NOK 41 499 000 f'ekwità ġdida lil AS Sporveisbussene, u jallega li din it-tranżazzjoni setgħet kienet tinvolvi għajnuna mill-Istat, peress li l-ebda investitur tas-suq privat ma kien se jinjetta kapital f'kumpanija b'defiċit. Minbarra dan, l-ilmentatur jistaqsi jekk ġiex injettat kapital sabiex jiġu ffinanzjati attivitajiet ġodda li jseħħu f'suq espost għall-kompetizzjoni.

(80) L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li fit-2 ta' April 2004, il-Muniċipalità ta' Oslo injettat kapital ġdid fil-Grupp Oslo Sporveier, u li din il-miżura kienet marbuta ma' kontribuzzjoni ta' darba għall-fond tal-pensjonijiet tal-Grupp (Oslo Sporveiers Pensjonskasse) [50] maħsuba biex tiġi koperta insuffiċjenza akkumulata ta' fondi fil-kontijiet tal-fond tal-pensjonijiet eżistenti. L-ammont ta' din l-injezzjoni ta' kapital allokata lil AS Sporveisbussene kien ta' NOK 111 760 000. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li fl-istess waqt li seħħet l-injezzjoni ta' kapital, AS Sporveisbussene bidlet il-prinċipji kontabilistiċi li bihom tikkalkula l-obbligazzjonijiet tal-pensjoni futuri, u b'hekk mill-2004 'il quddiem tali obbligazzjonijiet ġew rikonoxxuti fil-kontijiet tagħhom [51].

(81) Fid-dawl tal-informazzjoni ppreżentata mill-awtoritajiet Norveġiżi, l-Awtorità tista' tifhem biss li l-ilmentatur, meta rrefera għat-trasferiment ta' NOK 41 499 000 fil-korrispondenza tiegħu magħha, ikkompara l-kontijiet tal-2003 u tal-2004 ta' AS Sporveisbussene, u naqqas NOK 39 501 000 (it-total tal-ekwità fl-2003) minn NOK 81 miljun (it-total tal-ekwità fl-2004). F'din id-Deċiżjoni,

[50] Oslo Sporveiers Pensjonskasse kien il-fond tal-pensjonijiet għall-ħaddiema tal-Grupp Oslo Sporveier. L-injezzjoni ta' kapital tal-2004 kopriet l-insuffiċjenza ta' fondi relatata mal-obbligazzjonijiet tal-pensjonijiet ta' Oslo Sporvognsdrift AS (kumpanija inkarigata mill-operazzjoni tas-servizzi tat-trasport bit-tramm f'Oslo), ta' Oslo T-banedrift AS (kumpanija inkarigata mill-operazzjoni tas-servizzi tat-trasport bil-metrò f'Oslo), ta' AS Oslo Sporveier u ta' AS Sporveisbussene.

[51] L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li qabel l-injezzjoni ta' kapital tal-2004, AS Sporveisbussene rreġistrat l-obbligazzjonijiet tagħha tal-pensjoni permezz tal-hekk imsejħa "soluzzjoni bl-applikazzjoni tar-regola tal-kuritur". Permezz ta' dan il-metodu kontabilistiku, il-kumpanija amortizzat l-aġġustamenti tal-obbligazzjonijiet tagħha tal-pensjoni kkalkulati fuq perjodu ta' għaxar snin. Is-"soluzzjoni bl-applikazzjoni tar-regola tal-kuritur" kienet ibbażata fuq is-suppożizzjoni li kull sena se jkun hemm devjazzjonijiet bejn is-suppożizzjonijiet fit-tul u r-realtajiet u li, biż-żmien, dawn id-differenzi se jiġu llivellati. Fl-2004, l-awtoritajiet Norveġiżi ddeċidew li jibdlu l-metodu kontabilistiku użat għar-reġistrazzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-pensjoni. Fil-kontijiet saru l-aġġustamenti annwali sabiex jinkludu l-kosti kollha matul il-perjodu ta' impjieg medju assunt. B'konsegwenza ta' dan, fl-2004 AS Sporveisbussene rreġistrat tnaqqis fl-ekwità bl-ammont ta' NOK 80 934 000 (taħt il-partita "estimatavvik"), li jirrifletti din il-bidla fil-metodi kontabilistiċi. Dawn il-bidliet wasslu għal żieda fl-obbligazzjonijiet rikonoxxuti fil-karta bilanċjali u għal tnaqqis korrispondenti fil-kapital ta' ekwità tal-kumpanija. Din il-bidla fil-prinċipji kontabilistiċi ma kellhiex impatt fuq l-ammont ta' kapital meħtieġ biex jikkumpensa għall-insuffiċjenza fil-fond tal-pensjonijiet, pjuttost hi tagħti spjegazzjoni għal uħud mill-bidliet li saru fil-kontijiet ta' AS Sporveisbussene bejn l-2003 u l-2004, imsemmija fl-ilment.

l-Awtorità se tivvaluta l-injezzjoni ta' kapital reali ta' NOK 111 760 000, li tikkostitwixxi l-ammont allokat biex jiġu koperti l-obbligazzjonijiet tal-pensjoni ta' AS Sporveisbussene (minflok l-ammont ta' NOK 41 499 000 imsemmi mill-ilmentatur).

(82) L-awtoritajiet Norveġiżi ppreżentaw spjegazzjonijiet dwar il-bażi loġika għal din l-injezzjoni ta' kapital, li tikkonċerna l-obbligazzjonijiet tal-pensjoni ta' AS Sporveisbussene. Dawn huma deskritti fil-qosor b'dan li ġej.

### 7.2 L-insuffiċjenza għall-fond tal-pensjonijiet tal-Grupp AS Oslo Sporveier f'nofs is-snin 90 u ż-żieda tal-kumpens annwali

(83) L-awtoritajiet lokali Norveġiżi – u l-kumpaniji li jappartjenuhom jew li huma kkontrollati minnhom – kienu obbligati li jipprovdu lill-ħaddiema tagħhom b'pensjoni indiċizzata ugwali għal 70 % jew 66 % tas-salarju finali tagħhom meta jkunu rtiraw fl-età ta' 67 sena ([52]).

(84) Sa nofs id-disgħinijiet, kien beda jidher biċ-ċar li l-fond tal-pensjonijiet tal-Grupp Oslo Sporveier ma kellux biżżejjed fondi. L-insuffiċjenza ta' fondi kienet akkumulat matul diversi snin minħabba li l-pagamenti tal-primjums diretti lejn il-fond tal-pensjonijiet ma kinux jikkunsidraw kif xieraq iż-żieda fl-obbligazzjonijiet tal-pensjoni li kienu rriżultaw minn fatturi bħal żidiet fis-salarji tal-ħaddiema, l-istennija tal-għomor itwal, bidliet fir-rati mistennija ta' diżabilità eċċ. Skont l-Awtorità Superviżorja Finanzjarja tan-Norveġja (*Kredittilsynet*), il-fond tal-pensjonijiet ta' AS Oslo Sporveier kellu kopertura ta' 46,9 % biss fil-31 ta' Diċembru 1995. Il-fondi muniċipali tal-pensjonijiet li għandhom kopertura taħt il-95 % iridu jiġu miżjuda b'minimu ta' 1,5 % fis-sena ([53]). Il-Muniċipalità ta' Oslo, bħala l-proprjetarju ta' dawn il-fondi, għaldaqstant kienet marbuta bil-liġi li tkopri l-insuffiċjenza ta' fondi tal-Grupp Oslo Sporveier ([54]). Għalhekk, permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Diċembru 1996, AS Oslo Sporveier kellha tippreżenta pjan dwar kif kienet se tagħmel tajjeb għal din l-insuffiċjenza. Konsegwentement, ġie mfassal pjan ta' pagament maħsub biex jelimina l-insuffiċjenza sal-2020 Dan il-pjan ġie approvat mill-Awtorità Superviżorja Finanzjarja fid-9 ta' Lulju 1997.

(85) F'konformità mal-pjan ta' pagament, il-Muniċipalità ta' Oslo aġġustat 'il fuq il-kumpens annwali għas-servizz pubbliku bil-għan li tkopri l-primjums miżjuda tal-pensjonijiet.

### 7.3 L-injezzjoni ta' kapital favur Oslo Sporveiers Pensjonskasse

(86) Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, fl-2003 il-Muniċipalità ta' Oslo ddeċidiet li tkopri l-insuffiċjenza għall-fond tal-pensjonijiet fil-Grupp Oslo Sporveier permezz ta' pagament ta' darba. B'riżultat ta' dan, fit-2 ta' April 2004, AS Oslo Sporveier injettat NOK 802,5 miljun ([55]) f'Oslo Sporveiers Pensjonskasse biex tkopri l-insuffiċjenza totali eżistenti ([56]). L-injezzjoni ta' kapital kopriet l-insuffiċjenza ta' fondi għall-obbligazzjonijiet tal-pensjoni relatati mal-ħaddiema ta' Oslo Sporvognsdrift AS, Oslo T-banedrift AS, AS Oslo Sporveier u AS Sporveisbussene.

(87) L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li għalkemm il-Muniċipalità ta' Oslo kienet marbuta bil-liġi li tkopri l-insuffiċjenza ta' fondi tal-Grupp Oslo Sporveier, ma kienx meħtieġ li tagħmel dan permezz ta' pagament ta' darba: hi għażlet li tagħmel hekk, minħabba li din is-soluzzjoni kienet aktar kosteffikaċi milli kieku aderixxiet mal-pjan ta' amortizzazzjoni eżistenti. L-ammont amortizzat annwali maħsub biex ikopri l-insuffiċjenza ta' fondi kien ogħla mill-kosti ta' finanzjament meħtieġa biex jinkiseb self mill-bank tal-istess daqs. Barra minn hekk, kien stmat li pagament ta' darba kien se jgħin biex jiġu ffrankati madwar NOK 160 miljun tal-baġit operattiv, u li kien se jnaqqas il-kosti tal-pensjonijiet annwali tal-Grupp b'NOK 60 miljun.

(88) Mill-ammont ta' NOK 802,5 miljun, NOK 111 760 000 koprew l-obbligazzjonijiet tal-pensjoni ta' AS Sporveisbussene. Skont l-awtoritajiet Norveġiżi l-ammont sħiħ tħallas direttament minn AS Oslo Sporveier lil Oslo Sporveiers Pensjonskasse u ma ġiex trasferit fi flus kontanti lil AS Sporveisbussene. Fil-kontijiet annwali ta' AS Sporveisbussene għall-2004, il-kontribuzzjoni tal-pensjoni ta' NOK 111 760 000 ġiet irreġistrata bħala injezzjoni ta' kapital azzjonarju ġdid.

### 7.4 L-insuffiċjenza ta' fondi għall-obbligazzjonijiet tal-pensjoni għall-ħaddiema tal-kowċis turistiċi

(89) Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, parti mill-injezzjoni ta' kapital trasferita lil AS Sporveisbussene kopriet l-obbligazzjonijiet tal-pensjoni għall-ħaddiema involuti fis-servizzi bil-kowċis turistiċi mill-1994 (meta bdew is-servizzi bil-kowċis turistiċi) sal-1 ta' Jannar 1997.

(90) L-awtoritajiet Norveġiżi ppreżentaw kalkoli, li skonthom madwar NOK 430 300 tal-injezzjoni ta' kapital totali kienu relatati mal-insuffiċjenza ta' fondi għall-obbligazzjonijiet tal-pensjoni fit-taqsima tal-kowċis turistiċi.

### 7.5 It-trasferiment tal-fondi tal-pensjonijiet għal Vital Forsikring ASA

(91) Il-pagament ta' NOK 111 760 000 ippermetta wkoll lil AS Sporveisbussene tittrasferixxi l-fond tal-pensjonijiet tagħha minn Oslo Sporveiers Pensjonskasse għal Vital

([52]) Minħabba li l-assigurazzjoni nazzjonali Norveġiża tipprovdi pensjoni bażika bejn l-40 % u l-50 %, l-impjegatur kien jipprovdi l-parti li jkun fadal billi jirrikorri għal fondi tal-pensjonijiet jew għal kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-ħajja. Il-Grupp Oslo Sporveier organizza l-fond tal-pensjonijiet tiegħu bħala fond muniċipali tal-pensjonijiet (Oslo Sporveiers Pensjonskasse), f'konformità mal-Kapitolu 7 tal-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-10.6.2005 Nru 44.

([53]) Ir-Regolament tad-19.2.1993, Nru 117, it-Taqsima 28 A.

([54]) In-nuqqas ta' konformità ma' dan l-obbligu seta' kellu diversi konsegwenzi legali għall-Grupp Oslo Sporveier, pereżempju seta' ġie ddikjarat fallut.

([55]) Li NOK 800 miljun minnhom ġew trasferiti mill-Muniċipalità ta' Oslo.

([56]) L-ammont imħallas lil Oslo Sporveiers Pensjonskasse kien ta' NOK 711 980 000 (NOK 90 519 282 (14,1 % tal-ammont totali ta' NOK 802,5 miljun) kienu ġejjin mit-taxxa fuq l-impjieg).

Forsikring ASA, kumpanija tal-assigurazzjoni tal-ħajja. Din il-bidla daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004. Skont il-liġi Norveġiża li kienet tapplika dak iż-żmien, il-primjums kollha maħsuba biex ikopru l-insuffiċjenza kellhom jitħallsu sħaħ, qabel ma AS Sporveisbussene setgħet tittrasferixxi l-obbligazzjonijiet tagħha tal-pensjoni minn fond għall-ieħor ([57]).

## 8. IT-TASSAZZJONI TAL-GRUPP OSLO SPORVEIER

### 8.1 L-allegazzjonijiet tal-ilmentatur

(92) Skont l-ilmentatur, il-pożizzjoni ta' taxxa negattiva ta' AS Oslo Sporveier intużat biex jitnaqqas il-piż tat-taxxa minn fuq AS Sporveisbussene. Possibilment setgħu ntużaw kundizzjonijiet ta' taxxa favorevoli fil-Grupp Oslo Sporveier biex jiġi evitat li titħallas it-taxxa fuq il-profitti li saru f'suq espost totalment jew parzjalment għall-kompetizzjoni. Il-bażi għal dan l-ilment tidher li hija li AS Sporveisbussene matul il-perjodu ta' bejn is-sena 2000 u l-2004, filwaqt li kellha profitt qabel it-taxxa ta' madwar NOK 54 796 000, hi ddikjarat biss introjtu taxxabbli ta' NOK 2 027 000.

(93) Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, u fl-opinjoni tal-Awtorità, jidher li l-ilmentatur irrefera għar-regoli tat-taxxa li jirrigwardaw il-kontribuzzjonijiet bejn il-kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp (kontribuzzjonijiet ta' grupp). Milli jidher AS Sporveisbussene ttrasferixxiet partijiet mill-profitti tagħha, u b'hekk evitat li tħallas it-taxxa fuq l-introjtu fuq l-ammont trasferit.

### 8.2 Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar it-Taxxa Norveġiż

(94) Skont l-Att dwar it-Taxxa Norveġiż, ([58]) il-kumpaniji li jagħmlu parti minn grupp, jiġu ntaxxati bħala entitajiet individwali; mill-bidu nett, ma hemm l-ebda konsolidazzjoni ta' gruppi ta' kumpaniji għal finijiet ta' taxxa, li jfisser li kumpanija tista' tnaqqas t-telf tagħha biss u hija responsabbli mill-ħlas tat-taxxa fuq il-profitti tagħha biss.

(95) Madankollu, taħt ċerti kundizzjonijiet, ir-regoli tat-taxxa jippermettu li kumpanija tnaqqas mill-introjtu taxxabbli tagħha kontribuzzjoni unilaterali ta' kapital, li tkun saret favur kumpanija oħra fil-grupp tagħha bħala "kontribuzzjoni ta' grupp".

(96) Il-kontribuzzjonijiet ta' grupp huma permessi ([59]) meta l-kumpanija kontribwenti u l-kumpanija riċeventi jkunu kumpaniji b'responsabbiltà limitata ([60]) u jkunu jappartjenu għall-istess grupp ([61]). Barra minn hekk, il-kumpanija ewlenija irid ikollha sjieda ta' aktar minn 90 % tal-kumpanija sussidjarja, kif ukoll ikollha sehem ekwivalenti tal-voti ([62]). L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati fl-aħħar tas-sena finanzjarja rilevanti li matulha tkun saret il-kontribuzzjoni ta' grupp.

(97) Il-kumpanija kontribwenti u dik riċeventi għandhom, bħala parti mid-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali tagħhom, jiżvelaw il-kontribuzzjonijiet lill-awtoritajiet tat-taxxa billi jippreżentaw l-informazzjoni sħiħa fuq formoli mfassla għal dan l-iskop.

(98) Kontribuzzjoni ta' grupp tista' tikkonsisti minn flus, kapital operatorju jew kontribuzzjonijiet finanzjarji oħra ([63]).

(99) Kontribuzzjoni ta' grupp hija deduċibbli għall-kumpanija kontribwenti sal-punt li l-kontribuzzjoni tkun koperta mill-introjtu taxxabbli tagħha ([64]). Meta kumpanija tagħti kontribuzzjoni ta' grupp li tkun taqbeż l-introjtu taxxabbli tagħha, hi ma tkunx tista' tnaqqas l-ammont eċċessiv ([65]). Il-kumpanija riċeventi, min-naħa l-oħra, hija responsabbli mill-ħlas tat-taxxi fuq il-kontribuzzjoni ta' grupp, ([66]) iżda l-ammont eċċessiv mhux deduċibbli ma jikkostitwixxix introjtu taxxabbli għall-kumpanija riċeventi. Il-kontribuzzjoni titqies bħala introjtu għall-kumpanija riċeventi fl-istess sena li matulha l-kumpanija

([57]) L-Att ta' 10.6.1988 Nru 39 (imħassar), l-Artikolu 8c-11 flimkien mal-Artikolu 8c-10, il-paragrafi 1 u 3.

([58]) L-Att dwar it-Taxxa tas-26.3.1999, Nru 14, l-Artikolu 2-2.

([59]) L-Artikoli minn 10-2 sa 10-4 tal-Att dwar it-Taxxa.

([60]) Skont l-Artikolu 10-1 tal-Att dwar it-Taxxa, ir-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet ta' grupp huma applikabbli għal "aksjeselskap, allmennaksjeselskap samt likestilt selskap og sammenslutning".

([61]) Kif previst fl-Att Nru 44 tat-13.6.1997, l-Artikoli 1-3 u 1-4.

([62]) L-Artikolu 10-4(1) tal-Att dwar it-Taxxa.

([63]) Il-pagament effettiv ma jridx iseħħ neċessarjament fl-istess sena li fiha jsir l-introjtu, bil-kundizzjoni li dan jiġi effettwat permezz ta' trasferiment reali ta' ġid f'data aktar tard. Għaldaqstant, ikun biżżejjed li l-kumpanija kontribwenti tintrabat b'obbligu inkondizzjonat li tagħmel il-kontribuzzjoni.

([64]) L-Artikolu 10-2(1) tal-Att dwar it-Taxxa.

([65]) L-Artikolu 10-3(1) tal-Att dwar it-Taxxa. L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li kumpanija ewlenija tista' tagħti kontribuzzjoni lil kumpanija sussidjarja fl-istess sena meta l-istess sussidjarja tagħti kontribuzzjoni ta' grupp lill-kumpanija ewlenija. Iż-żewġ kontribuzzjonijiet ikunu meqjusa bħala tranżazzjonijiet separati, li għandhom jiġu ttrattati separatament għal finijiet ta' taxxa; ara d-Deċiżjoni bil-Quddiem 22/05 tad-Direttorat Norveġiż tat-Taxxi, disponibbli onlajn (bin-Norveġiż) fuq dan l-indirizz: http://www.skatteetaten.no/Templates/BindendeForhandsuttalelse.aspx?id=28885. Dan ifisser li, taħt ċerti ċirkostanzi, huwa possibbli li jsiru kontribuzzjonijiet ta' grupp u li tinkiseb konsolidazzjoni tat-taxxa mingħajr ma tinbidel l-ekwità netta tal-kumpaniji kontribwenti. Dan ikun il-każ jekk kumpanija ewlenija tkun ġarrbet telf ta' taxxa ta' mill-inqas l-istess proporzjonijiet bħall-profitti taxxabbli tas-sussidjarja tagħha. Il-kumpanija sussidjarja tista' tagħti kontribuzzjoni lill-kumpanija ewlenija tagħha u titlob għal tnaqqis korrespondenti. Il-kumpanija ewlenija tista' tuża l-kontribuzzjoni li tirċievi biex tpaċi għat-telf ta' taxxa tagħha stess. Fl-istess ħin, il-kumpanija ewlenija tista' tagħti hi wkoll kontribuzzjoni ta' grupp separata lill-kumpanija sussidjarja. Il-kontribuzzjoni ta' grupp tal-aħħar ma tkunx taxxabbli għall-kumpanija sussidjarja riċeventi billi l-kumpanija ewlenija ma tkunx f'pożizzjoni li tnaqqasha minħabba t-telf ta' taxxa li hi stess tkun qed iġġarrab. Iż-żewġ kontribuzzjonijiet ta' grupp ikunu jimplikaw li l-kumpanija sussidjarja tista' telimina l-bażi għat-taxxa tagħha mingħajr ma ġġib fix-xejn l-ekwità netta tagħha.

([66]) L-Artikolu 10-3(1) tal-Att dwar it-Taxxa.

kontribwenti tnaqqas il-kontribuzzjoni mill-istima tat-taxxa tagħha. Jekk il-kumpanija riċeventi ġġarrab defiċit, il-kontribuzzjoni tista' tpaċi għal kwalunkwe telf, ank dak li jkun ġie akkumulat fis-snin preċedenti. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti relatati mad-distribuzzjoni ta' dividendi ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, iridu jkunu ssodisfati ([67]).

(100) L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li r-regoli tal-kontribuzzjonijiet ta' grupp japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-entitajiet korporattivi kollha li huma sottomessi għat-taxxa fuq l-introjtu Norveġiża. L-applikazzjoni tar-regoli ma tirrikjedi l-ebda tip ta' permess tal-gvern, liċenzja, jew kunsens ieħor simili minn xi awtorità pubblika. Ir-regoli japplikaw irrispettivament mill-entità li tikkontrolla l-grupp, sew jekk tkun ta' oriġini nazzjonali jew barranija, sew jekk tkun privata jew pubblika.

### 8.3 Il-bażi loġika għar-regoli tal-kontribuzzjonijiet ta' grupp

(101) L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-iskop tar-regoli huwa li jiġu stabbiliti trattament ta' taxxa simili u newtralità ta' taxxa bejn (i) il-kumpaniji organizzati fi struttura ta' grupp u (ii) il-kumpaniji li joperaw fuq diversi negozji bħala kumpanija unika. Dan l-iskop jintlaħaq billi jiġi permess li grupp ta' kumpaniji jikkumpensa għat-telf li jkun sar minn kumpanija waħda (jew minn diversi kumpaniji) tal-grupp bil-profitti magħmula minn kumpaniji oħra fl-istess grupp, u dan jippermetti li l-grupp jiġi ntaxxat abbażi tal-profitti taxxabbli netti kkonsolidati tiegħu. L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-iskop jew l-għan tar-regoli tal-kontribuzzjonijiet ta' grupp qatt ma kien li jipprovdu benefiċċji lil xi negozji partikolari abbażi ta' min hu l-proprjetarju tal-kumpaniji jew abbażi tat-tip ta' negozju li jkunu involuti fih l-kumpaniji.

### 8.4 L-applikazzjoni tar-regoli tal-kontribuzzjonijiet ta' grupp mill-Grupp Oslo Sporveier

(102) L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li, fis-sena 2000 AS Sporveisbussene tat NOK 4 068 000 f'kontribuzzjonijiet ta' grupp u fl-2001 tat NOK 8 365 000 lil AS Oslo Sporveier, billi ma kien hemm l-ebda kontribuzzjoni bejn l-2002 u l-2004 minħabba t-telf ta' taxxa ([68]).

## 9. IL-KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET NORVEĠIŻI DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

### 9.1 Informazzjoni fattwali aktar dettaljata u r-Rapport Asplan Viak

(103) Fil-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Norveġiżi pprovdew aktar informazzjoni fattwali rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżuri soġġetti għall-investigazzjoni formali. Din l-informazzjoni ġiet inkorporata fit-taqsimiet preċedenti.

(104) Apparti dawk il-fatti, l-awtoritajiet Norveġiżi pprovdew lill-Awtorità b'rapport iddatat il-25 ta' Mejju 2012 dwar l-effiċjenza ta' AS Sporveisbussene fl-1999 u fl-2002, li ġie kkummissjonat mill-awtoritajiet Norveġiżi mingħand konsulent indipendenti bl-isem ta' Asplan Viak AS ("ir-Rapport Asplan Viak") ([69]). Fir-rapport, Asplan Viak AS qabbel il-kosti ta' AS Sporveisbussene mal-kosti ta' operaturi oħra tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja. Ir-rapport jikkonkludi li għall-1999 u għall-2002, il-kosti ta' AS Sporveisbussene kienu fl-istess livell jew f'livell inferjuri għal dak tal-kosti ta' fornitur tipiku, immexxi tajjeb u mgħammar b'mod adegwat, ta' servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja ([70]).

(105) L-awtoritajiet Norveġiżi pprovdew lill-Awtorità b'informazzjoni dwar il-vijabbiltà finanzjarja tas-servizzi kummerċjali tat-trasport bil-karozzi tal-linja. Minbarra defiċit żgħir ta' NOK 29 000 fl-1998, dawn is-servizzi dejjem rendew profitt sa minn meta bdew fl-1994. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Norveġiżi pprovdew lill-Awtorità b'dokument ta' strateġija mill-2003 għas-servizzi kummerċjali tat-trasport bil-karozzi tal-linja mmexxija minn AS Sporveisbussene ("id-dokument ta' strateġija tal-2003"), fejn l-għan iddikjarat għall-2003 kien li jiġu ġġenerati profitt gross ta' NOK 1,5 miljun (qabel il-kosti ġenerali) u fatturat ta' NOK 14,1 miljun.

### 9.2 Argumenti legali

#### 9.2.1 *Skema*

(106) L-awtoritajiet Norveġiżi jsostnu li l-finanzjament tat-trasport lokali skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo twettaq abbażi ta' skema ta' għajnuna msejsa fuq is-CTA u s-CTR.

(107) L-ewwel u qabel kollox, huma jenfasizzaw li l-iskop li għalih jistgħu jingħataw l-għotjiet skont l-Artikolu 22 tas-CTA, huwa definit b'mod ċar – il-kumpens jista' jingħata biss biex ikopri t-telf imġarrab fil-qafas tal-operat ta' servizzi tat-trasport skedat, ikkummissjonati mill-kontej. F'dak ir-rigward, l-awtoritajiet Norveġiżi jargumentaw li l-miżura inkwistjoni hija differenti mill-miżura Finlandiża vvalutata mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kawża *Åland Industrihus* ([71]).

([67]) L-Artikolu 10-2(1) tal-Att dwar it-Taxxa.

([68]) L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li bejn is-sena 2000 u l-2004 ma twettqu l-ebda kontribuzzjonijiet ċirkolari li jinvolvu lil AS Sporveisbussene.

([69]) "Standard cost calculation for the scheduled bus operations of AS Sporveisbussene", Rapport ta' Asplan Viak AS tal-25.5.2012, mehmuż bħala Anness 13 mal-ittra mill-awtoritajiet Norveġiżi tal-4.6.2012 (Avveniment Nru 636738).

([70]) Ta' min wieħed jinnota li minkejja s-sejbiet fir-Rapport Asplan Viak, l-awtoritajiet Norveġiżi, fil-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, ma jaffermawx li l-kumpens mogħti lil AS Sporveisbussene jissodisfa l-kriterji Altmark (ara l-valutazzjoni ta' hawn taħt).

([71]) Il-Kawża SA.21654 (ex NN-69/2007 u C-6/2008) *Public Commercial Property Åland Industrihus*, ĠU L 125, 12.5.2012 p. 33. Id-Deċiżjoni ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali (ara l-Kawża T-212/12).

(108) It-tieni nett, huma jenfasizzaw li s-setgħa diskrezzjonali tal-Muniċipalità ta' Oslo fir-rigward tal-kalkolu tal-kumpens għal servizz pubbliku hija limitata mil-linji gwida nazzjonali maħluqa skont is-CTR. Ir-raġunament tal-awtoritajiet Norveġiżi huwa li din il-limitazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali tal-kontej mill-gvern, issostni l-konklużjoni li l-kumpens jingħata abbażi ta' skema ta' għajnuna. Fil-biċċa l-kbira tiegħu, il-kumpens joriġina mill-fondi tal-Istat (għall-kuntrarju tal-fondi tal-kontej), u l-Ministeru tat-Trasport (i) għandu s-setgħa li jagħti linji gwida dwar il-kontenut u l-pubblikazzjoni tal-iskedi tar-rotot, (ii) għandu s-setgħa li japprova t-tariffi, (iii) jistabbilixxi r-ribassi nazzjonali, (iv) jista' jagħti linji gwida għall-użu tas-sistemi ta' ħruġ ta' biljetti, u (v) għandu l-awtorità li japprova t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tat-trasport skedat.

(109) Fl-aħħar nett, huma jiddikjaraw li l-prassi amministrattiva konsistenti f'Oslo tindika li l-għajnuna li ngħatat kienet ibbażata fuq skema.

9.2.2 *Is-sistema ta' bonus/malus għall-kwalità*

(110) L-awtoritajiet Norveġiżi jargumentaw li s-sistema ta' *bonus/malus* għall-kwalità tagħmel parti mill-kumpens ġenerali għal servizz pubbliku għall-forniment ta' trasport lokali skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo, u li konsegwentement, hija tagħmel parti integrali mill-iskema ta' għajnuna. Iżidu jgħidu li l-pagament tal-bonus tal-2004 kien jammonta għal NOK 3,9 miljun, li jirrappreżenta 0,8 % tad-dħul li għamlet AS Sporveisbussene matul dik is-sena (NOK 483,5 miljun). Barra minn hekk, huma jargumentaw li, fi kwalunkwe każ, dan il-bonus jirrappreżenta parti mill-profitt raġonevoli ta' AS Sporveisbussene.

9.2.3 *L-allokazzjoni tal-kosti komuni u s-servizzi tal-intragrupp*

(111) L-Awtorità tifhem li, abbażi tal-informazzjoni pprovduta, l-awtoritajiet Norveġiżi jiddikjaraw li ma hemm l-ebda għajnuna mill-Istat involuta fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kosti komuni u tal-pagament tas-servizzi tal-intragrupp, minħabba li t-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji tal-grupp u sa ċertu punt bejn il-kumpaniji tal-grupp u AS Oslo Sporveier huma msejsa fuq termini u prinċipji kummerċjali normali.

9.2.4 *L-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali*

(112) L-awtoritajiet Norveġiżi jaffermaw li l-parti mill-injezzjoni ta' kapital tal-2004 ta' madwar NOK 430 300, li serviet biex tkopri l-kosti tal-pensjonijiet relatati ma' attivitajiet purament kummerċjali mwettqa fil-marġni tal-obbligi ta' servizz pubbliku (l-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali), ma tirrappreżentax għajnuna mill-Istat; pjuttost tirrappreżenta investiment skont il-kundizzjonijiet tas-suq u f'konformità mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq. F'dan il-kuntest, huma jenfasizzaw li, għall-kuntrarju tal-fatti ppreżentati fid-deċiżjoni tal-ftuħ ([72]), il-Muniċipalità ta' Oslo fil-verità kienet saret is-sid waħdieni ta' AS Oslo Sporveier fl-2002, qabel ma seħħet l-injezzjoni ta' kapital fl-2004. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Norveġiżi pprovdew lill-Awtorità b'informazzjoni dwar il-vijabbiltà finanzjarja tas-servizzi kummerċjali tat-trasport bil-karozzi tal-linja. Minbarra defiċit żgħir ta' NOK 29 000 fl-1998, dawn is-servizzi dejjem rendew profitt sa minn meta bdew fl-1994. Skont id-dokument ta' strateġija tal-2003, l-għan għall-2003 tas-servizzi kummerċjali tat-trasport bil-karozzi tal-linja, kien li jiġu ġġenerati profitt gross ta' NOK 1,5 miljun (qabel il-kosti ġenerali) u fatturat ta' NOK 14,1 miljun. Fuq din il-bażi, u b'referenza għat-test tal-investitur f'ekonomija tas-suq stabbilit mill-Awtorità fid-deċiżjoni tal-ftuħ ([73]), l-awtoritajiet Norveġiżi jaffermaw li kollox ma' kollox, l-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali kienet tirrendi aktar minn likwidazzjoni tal-kumpanija u investiment tal-istess ammont xi mkien ieħor, minħabba li l-kosti kbar involuti f'tali likwidazzjoni kienu jkunu ferm ogħla mill-kost tal-injezzjoni ta' kapital.

(113) Fl-osservazzjonijiet tagħhom relatati mad-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Norveġiżi komplew jispjegaw li kemm il-ħaddiema involuti fl-attivitajiet ta' servizz pubbliku u kemm dawk involuti fl-attivitajiet kummerċjali kienu impjegati mill-istess entità legali u kienu membri tal-istess fond tal-pensjonijiet. Barra minn hekk, skont il-liġi Norveġiża, mhuwiex permess li jiġu esklużi ċerti membri tal-fond tal-pensjonijiet meta jiġi kopert id-defiċit f'dak il-fond. Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, dawn il-fatturi jissostanzjaw l-argument illi li kieku investitur privat kien jinsab fl-istess sitwazzjoni, anki hu kien ikollu jirrikorri għal żieda ta' kapital.

(114) L-awtoritajiet Norveġiżi jsostnu li l-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, billi din tinsab taħt il-livell *de minimis*.

9.2.5 *It-tassazzjoni tal-Grupp Oslo Sporveier*

(115) Mill-kummenti ppreżentati mill-awtoritajiet Norveġiżi, jiġi dedott li r-regoli tal-kontribuzzjonijiet ta' grupp jeskludu kwalunkwe għajnuna mill-Istat, minħabba li dawn ir-regoli japplikaw għall-kumpaniji kollha li għandhom ir-residenza tagħhom fin-Norveġja u li jimmiraw li jiksbu konsolidazzjoni tat-taxxa fi ħdan il-grupp.

---

([72]) L-informazzjoni disponibbli għall-Awtorità fiż-żmien tad-deċiżjoni tal-ftuħ indikat li sa Lulju 2006, il-Muniċipalità ta' Oslo kienet għadha ma saritx is-sid waħdieni ta' AS Oslo Sporveier (ara d-deċiżjoni tal-ftuħ, in-nota f'qiegħ il-paġna 27). Fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Norveġiżi pprеċiżaw li l-Muniċipalità ta' Oslo xtrat il-parteċipazzjonijiet tal-azzjonisti minoritarji fl-2002.

([73]) Ara l-paragrafi 103–108 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, b'mod partikolari l-paragrafu 105.

9.2.6 *L-għajnuna kompatibbli*

(116) L-awtoritajiet Norveġiżi jiddikjaraw li l-kumpens mogħti għall-forniment tas-servizz pubbliku ma wassalx għal kumpens żejjed u għalhekk huwa kompatibbli mal-Artikolu 49 tal-Ftehim ŻEE.

10. IL-KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(117) L-Awtorità rċeviet kummenti minn żewġ partijiet interessati, l-ilmentatur (Konkurrenten.no AS) u Risdal Touring AS, kumpanija assoċjata tal-ilmentatur.

(118) L-ilmentatur jirreferi għal sensiela ta' dokumenti mressqa quddiem l-Awtorità u l-Qorti tal-EFTA, li fihom kien spjega l-pożizzjoni tiegħu dwar il-każ inkwistjoni. L-ilmentatur joġġezzjona għall-fatt li l-Awtorità, (i) tiddependi kważi għal kollox fuq informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Norveġiżi, b'mod informali, (ii) tissepara l-miżuri identifikati mill-ilmentatur f'żewġ kawżi differenti, u (iii) allegatament tiċħad lill-ilmentatur l-aċċess pubbliku għall-fajl tal-każ. L-ilmentatur jiddubita kemm l-Awtorità hija lesta li twettaq investigazzjoni imparzjali u eżawrjenti.

(119) Risdal Touring AS tagħmel parti mill-istess grupp korporattiv tal-ilmentatur. Hija taqbel mat-tħassib imqajjem mill-ilmentatur. B'mod partikolari, il-kumpanija tesprimi d-dispjaċir tagħha dwar id-deċiżjoni li allegatament ħadet l-Awtorità biex tiċħad l-aċċess pubbliku għall-fajl tal-każ u dwar it-tul tal-proċedimenti fil-każ inkwistjoni. Il-kumpanija tenfasizza li dawn iċ-ċirkostanzi jġibu fid-dubju l-kapaċità u r-rieda tal-Awtorità li twettaq investigazzjoni imparzjali u eżawrjenti.

II. **IL-VALUTAZZJONI**

1. IL-PREŻENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(120) L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE huwa kif ġej:

"Mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet kuntrarji f'dan il-Ftehim, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, l-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, tkun inkompatibbli ma' dan il-Ftehim."

(121) L-ewwel nett, l-Awtorità tivvaluta jekk il-miżura tat-tassazzjoni tal-grupp tinvolvix għajnuna mill-Istat.

(122) It-tieni nett, l-Awtorità tivvaluta n-natura tal-għajnuna mill-Istat tal-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali. Kif diġà ġie spjegat aktar 'il fuq, din l-injezzjoni ta' kapital tagħmel parti minn miżura akbar (l-injezzjoni ta' kapital tal-2004 li ġiet injettata biex tirmedja l-insuffiċjenza ta' fondi fil-kontijiet tal-pensjonijiet). Madanakollu, f'kuntrast mal-bqija tal-injezzjoni ta' kapital tal-2004, l-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali serviet biex tkopri kosti mhux marbuta mal-forniment ta' servizzi pubbliċi, jiġifieri l-insuffiċjenza ta' fondi fil-kontijiet tal-pensjonijiet tal-ħaddiema fil-fergħa kummerċjali ta' AS Sporveisbussene. Bl-iskop li tiġi vvalutata n-natura tal-għajnuna mill-Istat taż-żewġ partijiet tal-injezzjoni ta' kapital tal-2004, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejniethom, minħabba l-bażijiet legali differenti li fuqhom trid tissejjes il-valutazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, filwaqt li l-miżuri ta' kumpens għal servizz pubbliku huma vvalutati abbażi tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (il-"Qorti tal-Ġustizzja") fis-sentenza *Altmark*, ([74]) il-valutazzjoni tal-miżuri li ma jikkostitwixxux kumpens għal servizz pubbliku, mhijiex imsejsa fuq dawk il-prinċipji.

(123) It-tielet nett, l-Awtorità tivvaluta jekk il-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat.

1.1 **It-tassazzjoni tal-Grupp Oslo Sporveier**

(124) L-ilmentatur argumenta li l-pożizzjoni ta' taxxa negattiva ta' AS Oslo Sporveier intużat biex jitnaqqas il-piż tat-taxxa minn fuq AS Sporveisbussene. L-Awtorità jidhrilha li l-ilmentatur kien qed jirreferi għar-regoli tat-tassazzjoni li jikkonċernaw il-kontribuzzjonijiet bejn kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv ("kontribuzzjonijiet ta' grupp").

(125) L-Awtorità tosserva li dawn ir-regoli huma applikabbli għal AS Oslo Sporveier u għal AS Sporveisbussene, billi din tal-aħħar hija kumpanija sussidjarja li tappartjeni totalment lill-ewwel waħda. Għalhekk, AS Oslo Sporveier jew kwalunkwe sussidjarja tagħha, fil-prinċipju tista' tikkumpensa għall-profitti taxxabbli billi tqassam xi kontribuzzjonijiet fi ħdan il-grupp.

(126) L-Awtorità tirrimarka li l-ilmentatur qisu mhux jaqbel ma' dak li jidher li hu l-applikazzjoni tar-regoli ġenerali Norveġiżi fir-rigward tat-tassazzjoni korporattiva. L-Awtorità tinnota li l-ilmentatur la allega, u lanqas ma ppreżenta xi informazzjoni li ssostni li r-regoli tat-taxxa rilevanti ġew abbozzati b'tali mod li jista' jwassal għall-għoti ta' għajnuna mill-Istat lil kumpaniji speċifiċi.

(127) Skont każistika stabbilita, sabiex jiġi determinat jekk miżura hijiex selettiva, ikun jaqbel li jiġi eżaminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, din il-miżura tkunx tagħti vantaġġ lil ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħrajn li jkunu f'sitwazzjoni legali u fattwali kumparabbli ([75]). Għalhekk jista' jagħti l-każ li sistema ta' tassazzjoni nazzjonali partikolari ma tinvolvix għajnuna mill-Istat

([74]) Il-Kawża C-280/00, *Altmark*, [2003], Ġabra I-7747.

([75]) Ara, fost l-oħrajn, il-Kawża C-409/00, *Spanja vs. il-Kummissjoni* [2003], Ġabra I-1487, il-paragrafu 47, u l-Kawża C-88/03, *il-Portugall vs. il-Kummissjoni*, [2006], Ġabra I-7115, il-paragrafu 54.

anke jekk ma tikkorrespondix mas-sistema ġenerali tat-tassazzjoni korporattiva fi Stat taż-ŻEE partikolari.

(128) Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ikkonċernati, il-kumpaniji li jagħmlu parti minn grupp mhumiex f'sitwazzjoni legali u fattwali kumparabbli għal dik ta' kumpaniji li ma jagħmlux parti minn grupp. Meta kumpanija ewlenija tagħti kontribuzzjoni lil kumpanija sussidjarja u b'hekk tnaqqas l-introjtu taxxabbli tagħha, l-għan ta' din il-kontribuzzjoni ma jkunx li timmassimizza l-profitti ta' parti waħda b'detriment tal-oħra, iżda sempliċiment li tagħti lok għal trattament ta' taxxa simili, bħal dak ta' kumpanija unika li topera fuq diversi negozji, u li tiżgura newtralità ta' taxxa bejn il-kumpaniji organizzati fi grupp u l-kumpanija unika li topera fuq diversi negozji.

(129) Kif enfasizzat fit-Taqsima 3.1 tal-Linji Gwida tal-Awtorità li jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni diretta tan-negozji, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma jillimitawx is-setgħa tal-Istati tal-EFTA li jiddeċiedu dwar il-politika ekonomika li jqisu bħala l-aktar xierqa u, b'mod partikolari, li jifirxu l-piż tat-taxxa skont kif ikun hemm bżonn fuq id-diversi fatturi tal-produzzjoni.

(130) L-Awtorità taqbel mal-awtoritajiet Norveġiżi li l-miżura hija ġenwinament miftuħa għal kwalunkwe impriża residenti fin-Norveġja li hija soġġetta għal taxxa korporattiva fuq l-introjtu, u dan ifisser li l-miżura tinkludi lill-kumpaniji barranin b'sussidjarji fin-Norveġja. Ir-rekwiżit tal-kapital statutorju għall-istabbiliment ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, jiġifieri kapital ta' NOK 100 000, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ippermetta li kumpaniji individwali joħolqu t-tieni kumpanija tagħhom fin-Norveġja, u b'hekk jiffurmaw grupp. Konsegwentement, il-formazzjoni ta' grupp setgħet issir minn kwalunkwe kumpanija individwali mingħajr ma kienet teħtieġ riżorsi ta' kapital sinifikanti. Għaldaqstant, il-firxa ta' benefiċjarji potenzjali ta' skema bħal din hija wiesgħa; u l-iskop tagħha huwa li tiżgura trattament ta' taxxa simili, irrispettivament mid-daqs jew mill-istruttura tal-kumpanija.

(131) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tqis li t-tpaċija tal-introjtu taxxabbli permezz ta' kontribuzzjoni ta' grupp ma tagħtix vantaġġ ekonomiku lil AS Sporveisbussene billi din, bħala kundizzjoni biex tibbenefika minn tnaqqis fit-taxxa, kienet obbligata tagħmel il-kontribuzzjoni lil kumpanija oħra tal-grupp, li kellha tkun tal-istess ammont bħat-tnaqqis tal-bażi għat-taxxa li kisbet b'dan il-mod. Għaldaqstant, dan it-trattament ta' taxxa ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

### 1.2 **L-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali**

#### 1.2.1 *De minimis*

(132) Kif stabbilit hawn fuq, jidher li madwar NOK 430 300 tal-injezzjoni ta' kapital tal-2004 kienu relatati mal-insuffiċjenza ta' fondi fil-kontijiet tal-pensjonijiet fit-taqsima tal-kowċis turistiċi. Ladarba din il-parti tal-kapital injettat ma tirrigwardax il-kost ta' servizz pubbliku, hija ma tiġix ivvalutata abbażi tas-Sentenza *Altmark*.

(133) Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 (illum l-Artikolu 107 tat-TFUE) u 88 (illum l-Artikolu 108 tat-TFUE) tat-Trattat tal-KE dwar l-għajnuna *de minimis*, mhuwiex applikabbli f'dan il-każ partikolari ([76]). L-ammont ta' madwar NOK 430 300 kien jagħmel parti mill-ammont totali ta' NOK 111 760 000 li kien tħallas biex ikopri l-kost tas-servizz pubbliku, u b'hekk jikkostitwixxi parti integrali minnu. Għalhekk ma jistax jitqies bħala miżura individwali li tissodisfa l-kundizzjonijiet tar-Regolament *de minimis* ([77]).

(134) Barra minn hekk, dan ir-Regolament jiddikjara espliċitament fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 li "meta ammont totali ta' għajnuna jaqbeż dan il-limitu (ta' EUR 200 000 jew ta' EUR 100 000 fis-settur tat-trasport bit-triq), dak l-ammont ta' għajnuna ma jistax jibbenefika minn dan ir-Regolament, anki għal frazzjoni li ma taqbiżx dak il-limitu. F'każ bħal dan, il-benefiċċju ta' dan ir-Regolament ma jistax jintalab għal din il-miżura ta' għajnuna la fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna, u lanqas f'xi żmien ieħor suċċessiv" ([78]).

#### 1.2.2 *Il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq*

(135) Skont każistika kostanti, jaqbel li l-Awtorità tiddetermina jekk l-impriża riċeventi, AS Sporveisbussene, irċevietx xi

([76]) ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5, inkorporat fil-Ftehim ŻEE fil-punt 1ea tal-Anness XV.

([77]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21.9.2005 dwar l-implimentazzjoni ta' skema ta' għajnuna N 192/1997 mill-Italja – il-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano (ĠU L 383, 28.12.2006, p. 1, il-paragrafi 129-133); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27.7.2011 dwar l-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-iskrining għall-enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli (TSE) fil-bovini implimentata mill-Belġju (ĠU L 274, 19.10.2011 p. 36), parti 6, l-Arikolu 1, il-paragrafu 133.

([78]) F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrimarkat li r-Regolament *de minimis* ġenerali li kien fis-seħħ meta saret din l-injezzjoni ta' kapital kien ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001 tat-12.1.2001 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar l-għajnuna *de minimis*. Madankollu, dan ir-Regolament ma kienx japplika għas-settur tat-trasport. Kif iddikjarat fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 "[…] dan ir-Regolament għandu jiġi applikat għal għajnuna mogħtija qabel ma jkun daħal fis-seħħ għall-intrapriżi attivi fil-qasam tat-trasport […]".

vantaġġ ekonomiku li kieku ma kinitx tikseb f'kundizzjonijet normali tas-suq ([79]). Sabiex tagħmel dan, l-Awtorità trid tapplika t-test tal-investitur f'ekonomija tas-suq ([80]), li essenzjalment jipprevedi li għajnuna mill-Istat tingħata meta Stat ipoġġi għad-dispożizzjoni ta' impriża l-fondi, li f'ċirkostanzi normali, ma jingħatawlux minn investitur privat li japplika l-kriterji kummerċjali normali u li jwarrab kunsiderazzjonijiet oħra ta' natura soċjali, politika jew filantropika ([81]).

(136) Ta' min wieħed jiftakar li l-pjan ta' amortizzazzjoni inizjali kien ġie skattat permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità Superviżorja Finanzjarja tan-Norveġja li talbet lil AS Oslo Sporveier biex tagħmel tajjeb għall-insuffiċjenza fil-fond tal-pensjonijiet tagħha. Dan ifisser li kien meħtieġ li s-sidien ta' AS Oslo Sporveier u ta' AS Sporveisbussene jirmedjaw l-insuffiċjenza ta' fondi fin-negozju tagħhom, jew inkella jirriskjaw li l-kumpanija tagħhom tiġi insolventi.

(137) Sabiex tiddetermina jekk l-injezzjoni ta' kapital saritx f'kundizzjonijiet li jkunu aċċettabbli għal investitur privat, l-Awtorità tirrimarka li investitur privat li jsib ruħu f'sitwazzjoni simili – jiġifieri bl-għażla li jew (a) jinjetta kapital ġdid fil-kumpanija, jew (b) li jillikwida l-kumpanija u jinvesti l-istess ammont xi mkien ieħor, jasal biex jagħżel l-istrateġija (a) biss jekk b'mod ġenerali tkun tirrendi aktar mill-istrateġija (b). Dan ifisser li mhuwiex biżżejjed li tintgħażel "l-irħas" soluzzjoni sabiex jintlaħaq il-valur referenzjarju tal-investitur f'ekonomija tas-suq, iżda li huwa neċessarju li tintwera rata aċċettabbli ta' redditu futur għall-prezz ta' din "l-irħas soluzzjoni".

(138) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-investigazzjoni formali, ([82]) l-Awtorità esprimiet dubji dwar l-applikabbiltà tat-test tal-investitur f'ekonomija tas-suq, minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni rilevanti, bħall-previżjonijiet tal-profittabilità li seta' għamel xi investitur privat.

(139) Bi tweġiba għal din it-talba, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li fl-2004, meta saret l-injezzjoni ta' kapital, is-servizzi bil-kowċis turistiċi ta' AS Sporveisbussene kienu baqgħu jrendu sa minn meta bdew fl-1994, b'eċċezzjoni waħda fl-1998, meta ġarrbu telf żgħir ħafna ta' NOK 29 000. Mid-dokument ta' strateġija tal-2003 dwar is-servizzi bil-kowċis turistiċi bejn l-2003 u l-2006, ħareġ biċ-ċar li l-għan kien li jinżammu għaddejjin is-servizzi bil-kowċis turistiċi u li jiġu ġġenerati fatturat għall-2003 ta' NOK 14,1 miljun u profitt ta' NOK 1,5 miljun (qabel il-kosti ġenerali). Il-likwidazzjoni ta' AS Sporveisbussene, jew is-separazzjoni tas-servizzi bil-kowċis turistiċi u l-likwidazzjoni ta' din il-parti, ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala alternattiva raġonevoli għall-Muniċipalità ta' Oslo minħabba l-kosti kbar involuti, li jkunu jeċċedu ferm il-kost tal-kopertura tal-insuffiċjenza ta' fondi tal-pensjonijiet allokati lit-taqsima tal-kowċis turistiċi. Meta jitqiesu d-daqs tal-ammont injettat li kien relattivament żgħir, il-profittabilità ġenerali tas-servizzi bil-kowċis turistiċi ta' AS Sporveisbussene u l-previżjonijiet ta' rata apparentement raġonevoli tal-profittabilità tagħhom matul is-snin segwenti, u meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kosti ogħla involuti f'tali likwidazzjoni, investitur privat ipotetiku wkoll kien jagħżel l-alternattiva tal-injezzjoni ta' kapital.

(140) Għalhekk, l-Awtorità hija tal-fehma li l-injezzjoni ta' kapital ta' madwar NOK 430 300 għandha titqies bħala konformi mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq. L-Awtorità tikkonkludi li l-injezzjoni ta' kapital ma tatx vantaġġ lil AS Sporveisbussene li ma kinitx setgħet tirċievi f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Għaldaqstant, din ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

### 1.3 **Il-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku**

#### 1.3.1 *Introduzzjoni*

(141) Fir-rigward tal-ilment dwar is-sussidjar inkroċjat bejn l-attivitajiet tas-servizz pubbliku u l-attivitajiet kummerċjali ta' AS Oslo Sporveier, AS Sporveisbussene, Arctic Express AS u Sporveisbussenes Turbiler AS, bl-allegazzjoni talilmentatur l-Awtorità tifhem li l-kumpens annwali

([79]) Il-Kawża C-39/94 *SFEI* vs. *La Poste*, [1996], Ġabra I-3547, fil-paragrafu 60.

([80]) Dan il-prinċipju huwa spjegat fil-Linji Gwida tal-Awtorità, fil-Parti VI, Regoli dwar il-kumpens għas-servizz pubbliku, is-sjieda statali tal-intrapriżi u l-għajnuna għall-intrapriżi pubbliċi, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat għal intrapriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura.

([81]) Ara pereżempju l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Jacobs, il-Kawżi Magħquda C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja* vs. *il-Kummissjoni*, [1994], Ġabra I-4103, fil-paragrafu 28. Ara wkoll il-Kawża 40/85, *il-Belġju* vs. *il-Kummissjoni (Boch)*, [1986], Ġabra 2321, fil-paragrafu 13; Il-Kawża C-301/87, *Franza* vs. *il-Kummissjoni (Boussac)*, [1990], Ġabra I-307, fil-paragrafi 39–40; Il-Kawża C-303/88, *l-Italja* vs. *il-Kummissjoni (Lanerossi)*, [1991], Ġabra I-1433, fil-paragrafu 24. Ara wkoll il-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat għax-xandir tas-servizz pubbliku, li fil-punt 93 jipprevedu li: "(f)it-twettiq ta' attivitajiet kummerċjali, ix-xandara pubbliċi għandhom ikunu marbuta bir-rispett għall-prinċipji tas-suq u, meta jagixxu permezz ta' sussidjarji kummerċjali, huma għandhom iżommu d-distanza fir-relazzjonijiet tagħhom ma' dawn is-sussidjarji. L-Istati tal-EFTA għandhom jiżguraw li x-xandara pubbliċi jħarsu l-prinċipju ta' distakkament fir-relazzjonijiet, l-investimenti kummerċjali tagħhom isiru skont il-prinċipju tal-investitur fl-ekonomija tas-suq, u ma jinvolvux ruħhom fi prattiki mhux kompetittivi fir-rigward tal-kompetituri tagħhom, fuq il-bażi tal-finanzjament pubbliku tagħhom".

([82]) Il-paragrafi 105–108.

għall-forniment tas-servizz tat-trasport lokali skedat u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku ssussidjaw l-attivitajiet kummerċjali mwettqa mill-Grupp Oslo Sporveier.

(142) Huwa evidenti li s-sussidjar inkroċjat (għall-finijiet tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat) jista' jseħħ biss jekk l-impriża li minnha joriġinaw is-sussidji inkroċjati tirċievi għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE. Għalhekk, fir-rigward ta' din il-parti tal-ilment, l-Awtorità l-ewwel trid tivvaluta jekk il-miżuri ta' finanzjament, jiġifieri (i) il-kumpens annwali u (ii) l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku, jinvolvux għajnuna mill-Istat.

1.3.2 *Il-preżenza ta' riżorsi tal-Istat*

(143) Sabiex tkun tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE, l-għajnuna trid tingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(144) Bħala punt preliminari, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li kemm l-awtoritajiet lokali kif ukoll dawk reġjonali huma kkunsidrati bħala ekwivalenti għall-Istat ([83]). Għalhekk, il-Muniċipalità ta' Oslo hija ekwivalenti għall-Istat, għall-finijiet tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat taż-ŻEE.

(145) Fil-każ preżenti, joħroġ biċ-ċar li l-Istat, fil-kapaċità tiegħu tal-Muniċipalità ta' Oslo, ipprovda finanzjament permezz tal-kumpens annwali, lil AS Oslo Sporveier għall-forniment tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja sal-1997. Għall-perjodu li jkopri mill-1997 sal-2008, ma hemm l-ebda dubju li AS Oslo Sporveier għaddiet il-kumpens annwali lil AS Sporveisbussene, skont il-kundizzjonijiet tal-Ftehim dwar it-Trasport, li essenzjalment jidher li fformalizza l-prassi amministrattiva mhux uffiċjali preċedenti tal-kalkolu tal-kumpens annwali ([84]).

(146) Fir-rigward tal-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku favur AS Sporveisbussene biex tkopri l-insuffiċjenza ta' fondi għall-fond tal-pensjonijiet, ma hemm l-ebda dubju li l-Istat, fil-kapaċità tiegħu tal-Muniċipalità ta' Oslo, ikkontribwixxa NOK 111 760 000 bħala kapital għal AS Sporveisbussene.

([83]) L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17), inkorporata fil-punt 1a tal-Anness XV ta' mal-Ftehim ŻEE.

([84]) Fir-rigward, partikolarment, tal-bonus għall-kwalità minn AS Oslo Sporveier għal AS Sporveisbussene ta' NOK 3,9 miljun, l-Awtorità tifhem jew li l-fondi jirriżultaw minn riżorsi tal-Istat, jew inkella li l-pagament huwa imputabbli lill-Istat. Billi l-Muniċipalità ta' Oslo hija involuta fil-kwistjonijiet kollha ta' importanza kummerċjali relatati mal-forniment tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja fir-reġjun ta' Oslo, u billi AS Oslo Sporveier hija kumpanija bi sjieda pubblika, l-Awtorità tikkonkludi li t-tranżazzjoni trid tiġi kkunsidrata bħala imputabbli lill-Istat u tirrappreżenta b'hekk riżorsi mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

(147) Għalhekk l-Awtorità tikkonkludi li l-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku ngħataw mill-Istat u li kienu ffinanzjati minn riżorsi tal-Istat.

1.3.3 *L-impriża*

(148) Il-vantaġġi li jiffavorixxu l-"impriżi" biss huma kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE. Impriża hija kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tal-entità u mill-mod ta' kif tiġi ffinanzjata ([85]). Barra minn hekk, kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti u servizzi f'suq partikolari tikkostitwixxi attività ekonomika ([86]).

(149) Matul il-perjodu rilevanti (1994–2008), AS Oslo Sporveier u aktar tard AS Sporveisbussene pprovdew servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja kif ukoll servizzi bil-kowċis turistiċi fis-suq Norveġiż. Fuq din il-bażi, l-Awtorità tikkonkludi li fil-perjodu rilevanti, kemm AS Oslo Sporveier kif ukoll AS Sporveisbussene kienu impriżi.

1.3.4 *Il-vantaġġ ekonomiku*

(150) Sabiex tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE, il-miżura trid tagħti vantaġġ ekonomiku lil xi impriża, pereżempju billi tiffrankalha imposti li normalment ikollha tħallas mill-baġit tagħha.

(151) Kif imsemmi hawn fuq, il-kumpens annwali mogħti lil AS Oslo Sporveier u lil AS Sporveisbussene għall-forniment ta' servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja f'Oslo, *prima facie*, jikkostitwixxi kumpens għall-kosti marbuta mal-forniment tas-servizz pubbliku. Il-kumpens għas-servizz pubbliku ma jinvolvix vantaġġ ekonomiku jekk jiġu rrispettati l-kriterji stabbiliti mill-każistika *Altmark* tal-Qorti tal-Ġustizzja ([87]).

(152) Barra minn hekk, fir-rigward tal-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku, l-Awtorità tikkunsidra li AS Sporveisbussene rċeviet l-injezzjoni ta' kapital biex tkopri l-insuffiċjenza ta' fondi għall-obbligazzjonijiet tal-pensjoni li kien akkumula qabel l-1997. Jidher li l-injezzjoni ta' kapital kollha kemm hi ntużat għal dan l-iskop. Jaqbel li wieħed jinnota wkoll li filwaqt li ġew irreġistrati ċerti bidliet fil-pożizzjoni tal-kapital ta' AS Sporveisbussene fil-kontijiet, l-ammont sħiħ tħallas direttament minn AS Oslo Sporveier għall-fond tal-pensjonijiet u ma kienx trasferit fi flus kontanti lil AS Sporveisbussene.

([85]) Il-Kawża E-5/07, *Private Barnehagers Landsforbund* vs. *l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*, [2008], Rapport tal-Qorti tal-EFTA Nru 62, il-paragrafu 78.

([86]) Il-Kawża C-35/96 *Il-Kummissjoni* vs. *l-Italja*, [1998], Ġabra I-3851, il-paragrafu 36.

([87]) Il-Kawża C-280/00, *Altmark*, [2003], Ġabra I-7747. Ara wkoll il-Kawża T-289/03 *BUPA*, [2008], Ġabra II-81.

(153) L-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku ma tirrigwardax kosti ġodda iżda kosti li akkumulaw fil-passat u li teknikament ma kinux irreġistrati fil-kontijiet ġenerali tal-kumpanija. Madankollu, dawn l-obbligazzjonijiet kienu diġà preżenti meta seħħet l-injezzjoni ta' kapital, li serviet biex tagħmel tajjeb għall-insuffiċjenza fil-fondi tal-pensjonijiet. Għalhekk, l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku tista' titqies bħala li tifforma parti mill-kost li kellha ġġarrab il-Muniċipalità ta' Oslo bi skambju għall-forniment ta' servizz pubbliku mingħand AS Oslo Sporveier u AS Sporveisbussene (permezz ta' AS Oslo Sporveier). Minflok tinjetta dan il-kapital, il-Muniċipalità ta' Oslo setgħet ħallset kumpens annwali għas-servizz pubbliku ogħla. B'hekk l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku kienet tikkostitwixxi parti integrali mill-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil AS Sporveisbussene, hekk kif dejjem kienet sa min-nofs tas-snin 90 sakemm saret l-injezzjoni ta' kapital (u bħalma kienet se tkun, kieku twettqet f'konformità mal-pjan ta' amortizzazzjoni sal-2020).

(154) Fis-sentenza *Altmark* il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kumpens għal servizz pubbliku ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat meta jiġu rrispettati erba' kriterji kumulattivi.

— L-ewwel nett, l-impriża riċeventi effettivament irid ikollha obbligi ta' servizz pubbliku xi twettaq u dawn l-obbligi jridu jkunu definiti b'mod ċar.

— It-tieni nett, il-parametri li fuqhom jissejjes il-kalkolu tal-kumpens, iridu jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti.

— It-tielet nett, il-kumpens ma jistax ikun aktar minn dak li hu meħtieġ sabiex jiġu koperti l-kosti kollha jew parti minnhom, imġarrba waqt it-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rikavati rilevanti u profitt raġonevoli.

— Ir-raba' u l-aħħar nett, meta l-impriża li tkun se twettaq obbligi ta' servizz pubbliku ma tintgħażilx f'konformità ma' proċedura ta' akkwist pubbliku li tippermetti li ssir l-għażla tal-offerent li jkun kapaċi jipprovdi dawk is-servizzi bl-irħas kost possibbli, il-livell tal-kumpens meħtieġ irid jiġi determinat abbażi ta' analiżi tal-kosti li jkollha impriża tipika, immexxija tajjeb u mgħammra b'mod adegwat ([88]).

([88]) Il-Kawża C-280/00 *Altmark*, [2003], Ġabra I-7747, il-paragrafi 89–93.

(155) L-ewwel u qabel kollox l-Awtorità se teżamina r-raba' kriterju, jiġifieri jekk il-kumpens kienx ibbażat fuq offerta jew kienx imsejjes fuq il-kosti ta' kumpanija effiċjenti u mmexxija tajjeb.

(156) Minn qabel l-1994, il-Muniċipalità ta' Oslo diġà kienet tħallas kumpens annwali lil AS Oslo Sporveier għas-servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja, li mill-1997 għaddew f'idejn AS Sporveisbussene. Madankollu, fir-rigward tar-rotot operati fil-qafas tal-konċessjoni skont iż-żona, la AS Oslo Sporveier u lanqas AS Sporveisbussene ma ntgħażlet fi proċedura ta' akkwist pubbliku. Għaldaqstant, la l-kumpens mingħand il-Muniċipalità ta' Oslo lil AS Oslo Sporveier u lanqas il-kumpens li sussegwentement għadda mingħand AS Oslo Sporveier għal AS Sporveisbussene ma kien ibbażat fuq il-prezzijiet li rriżultaw mill-offerti pubbliċi.

(157) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Norveġiżi ma pprovdewx lill-Awtorità b'informazzjoni dettaljata biżżejjed, biex ikunu jistgħu jivverifikaw jekk il-kosti mġarrba minn AS Oslo Sporveier jew AS Sporveisbussene kinux jikkorrespondu mal-kosti ta' impriża tipika, immexxija tajjeb u mgħammra b'mod adegwat, u lanqas ma argumentaw, kif iddikjarat hawn fuq, li dan il-kriterju ġie rrispettat. Ir-Rapport Asplan Viak, ippreżentat mill-awtoritajiet Norveġiżi, sempliċiment ikopri l-kumpens mogħti għal sentejn ta' servizzi (l-1999 u l-2002) mill-15-il sena rilevanti li matulhom ingħata kumpens lill-kumpaniji (1994–2008). L-Awtorità tikkunsidra li t-tieni alternattiva prevista mir-raba' kriterju tal-*Altmark* tirrikjedi li jiġi ssostanzjat li l-kumpens inkwistjoni ġie determinat fuq il-bażi ta' analiżi tal-kosti li setgħet ġarrbet impriża tipika, immexxija tajjeb u mgħammra b'mod adegwat, matul il-perjodu kollu. Anke jekk ir-Rapport Asplan Viak seta' jintuża biex juri li AS Sporveisbussene ssodisfat dan ir-rekwiżitu għal sentejn ta' servizzi, hu jħalli barra t-tlettax-il sena li jkun għad fadal. Għalhekk, l-opinjoni tal-Awtorità hi li r-raba' kriterju tal-*Altmark* mhuwiex irrispettat.

(158) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tqis li, kemm fil-każ ta' AS Oslo Sporveier kif ukoll f'dak ta' AS Sporveisbussene, is-servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja operati fil-qafas tal-konċessjoni skont iż-żona f'Oslo, ma twettqux f'konformità mar-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark*. Konsegwentement, billi l-kriterji *Altmark* iridu jiġu rrispettati b'mod kumulattiv biex il-kumpens għal servizz pubbliku ma jkunx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, ([89]) l-Awtorità tikkonkludi li l-kumpens annwali, inkluża l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku, jagħti vantaġġ ekonomiku lil AS Oslo Sporveier u lil AS Sporveisbussene.

([89]) Il-Kawża C-280/00 *Altmark*, [2003], Ġabra I-7747, il-paragrafi 94-95.

1.3.5 *Preferenza mogħtija lil ċerti impriżi jew lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti*

(159) Sabiex tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE, il-miżura ta' għajnuna trid tkun selettiva billi tagħti preferenza lil ċerti impriżi jew lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti.

(160) Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sabiex jiġi determinat jekk miżura hijiex selettiva, jaqbel li jiġi stabbilit jekk l-impriża/impriżi inkwistjoni hijiex/humiex f'sitwazzjoni legali u fattwali kumparabbli għal dik ta' impriżi oħra fid-dawl tal-objettiv imfittex mill-miżura ([90]).

(161) Fil-każ preżenti, il-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku taw preferenza lil AS Oslo Sporveier u/jew lil AS Sporveisbussene, filwaqt li eskludew lil operaturi oħra tat-trasport bil-karozzi tal-linja. Tali operaturi oħra tal-karozzi tal-linja joperaw servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja fin-Norveġja jew f'postijiet oħra fiż-ŻEE u għalhekk kienu f'sitwazzjoni legali u fattwali simili meta kkumparati ma' AS Oslo Sporveier u AS Sporveisbussene. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Awtorità tikkonkludi li dawn iż-żewġ miżuri huma selettivi.

1.3.6 *Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti*

(162) Sabiex tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE, il-miżura ta' għajnuna trid toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti. Skont il-każistika tal-Qorti tal-EFTA, l-Awtorità hija mistennija li teżamina jekk tali għajnuna hijiex *suxxettibbli* li taffettwa l-kummerċ u li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni ([91]).

(163) Sa minn qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE fin-Norveġja, kien hemm diversi impriżi li pprovdew servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo. Għalhekk, l-Awtorità tikkonkludi li minn dak iż-żmien 'l hawn, il-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku kienu suxxettibbli li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni ([92]).

(164) Fir-rigward tal-effett fuq il-kummerċ u tal-fatt li l-każ inkwistjoni jikkonċerna suq lokali għat-trasport bil-karozzi tal-linja f'Oslo, l-Awtorità tfakkar li fis-sentenza *Altmark*, li kienet tikkonċerna wkoll is-servizzi tat-trasport reġjonali bil-karozzi tal-linja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li:

"sussidju pubbliku mogħti lil impriża li tipprovdi biss servizzi ta' trasport lokali jew reġjonali u ma tipprovdix servizzi ta' trasport barra mill-Istat tagħha ta' oriġini, jista', madankollu, ikollu effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri … Għaldaqstant, it-tieni kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 92(1) tat-Trattat, jiġifieri li l-għajnuna trid tkun ta' natura li tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, ma tiddependix fuq in-natura lokali jew reġjonali tas-servizzi ta' trasport ipprovduti jew mill-kobor tas-settur ta' attività kkonċernat." ([93])

(165) Dan ifisser li anke jekk – bħal fil-każ preżenti – is-suq tat-trasport lokali bil-karozzi tal-linja (Oslo) biss huwa kkonċernat, il-finanzjament pubbliku għad-dispożizzjoni ta' operatur wieħed f'tali suq lokali huwa suxxettibbli li jaffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti ([94]). B'konsegwenza ta' dan, l-Awtorità tqis li l-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku kienu suxxettibbli li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

1.3.7 *Il-konklużjoni dwar il-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku*

(166) Abbażi tal-valutazzjoni preċedenti, l-Awtorità tikkonkludi li l-kumpens annwali lil AS Oslo Sporveier u (aktar tard) lil AS Sporveisbussene u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku biex tiġi koperta l-insuffiċjenza ta' fondi għall-fond tal-pensjonijiet jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE.

## 2. IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-MIŻURI TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT BĦALA GĦAJNUNA EŻISTENTI JEW GĦAJNUNA ĠDIDA – IL-KUMPENS ANNWALI U L-INJEZZJONI TA' KAPITAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

### 2.1 Introduzzjoni – is-Sentenza tal-Qorti tal-EFTA fil-Kawża E-14/10

(167) L-Artikolu 1(b)(i) tal-Parti II tal-Protokoll 3 jistipula li "għajnuna eżistenti" tfisser:

"l-għajnuna kollha li eżistiet qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim taż-ŻEE fl-Istati tal-EFTA rispettivi, li jfisser, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li ddaħħlu fis-seħħ qabel, u għadhom jgħoddu wara, id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim taż-ŻEE".

(168) L-Awtorità tirrimarka li meta daħal fis-seħħ il-Ftehim ŻEE fin-Norveġja (l-1 ta' Jannar 1994), AS Oslo Sporveier, ġiet ikkumpensata għall-forniment tat-trasport skedat

([90]) Il-Kawża C-143/99 *Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke*, Ġabra [2001] I-8365, il-paragrafu 41.

([91]) Il-Kawżi Magħquda E-5/04, E-6/04 u E-7/04, *Fesil u Finnfjord et al.* vs. *l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*, [2005], Rapport tal-Qorti tal-EFTA Nru 117, il-paragrafu 93.

([92]) Barra minn hekk, fis-sentenza *Altmark* il-Qorti tal-Ġustizzja rrimarkat li sa mill-1995, diversi Stati Membri tal-UE kienu fetħu b'mod volontarju ċerti swieq tat-trasport urban, suburban jew reġjonali għall-kompetizzjoni ta' impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra tal-UE. B'hekk, ir-riskju għall-kummerċ bejn l-Istati Membri ma kienx ipotetiku iżda reali, minħabba li s-suq kien miftuħ għall-kompetizzjoni (il-paragrafi 69 u 79).

([93]) Il-paragrafi 77 u 82 tas-sentenza *Altmark*.

([94]) Ara wkoll il-Kawża 102/87, *Franza* vs. *il-Kummissjoni*, [1988], Ġabra 4067, il-paragrafu 19, u l-Kawża C-305/89 *l-Italja* vs. *il-Kummissjoni*, [1991], Ġabra I-1603, il-paragrafu 26.

bil-karozzi tal-linja f'Oslo f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tat-trasport u mal-prassi amministrattiva stabbilita (li kienet teżisti qabel il-Ftehim ŻEE), kif deskritt fid-dettall hawn fuq.

(169) Fis-sentenza tagħha fil-Kawża E-14/10 li tannulla d-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 254/10/COL, il-Qorti tal-EFTA ddikjarat is-segwenti:

"Jekk l-għajnuna mogħtija […] tikkostitwixxix "għajnuna eżistenti" […] jiddependi mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti […]

[…] biex tiġi kklassifikata bħala "miżura ta' għajnuna eżistenti" skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat taż-ŻEE, trid tagħmel parti minn skema ta' għajnuna li tkun iddaħħlet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE". ([95])

## 2.2 **Id-definizzjoni ta' skema ta' għajnuna**

(170) L-Artikolu 1(d) tal-Parti II tal-Protokoll 3 jistipula li "skema ta' għajnuna":

"tfisser kull att li abbażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri oħra ta' implimentazzjoni, għotjiet ta' għajnuna individwali jkunu jistgħu jsiru lil impriżi definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt u kwalunkwe att li abbażi tiegħu għajnuna li mhix marbuta ma' proġett speċifiku tista' tingħata lil impriża waħda jew diversi għal perjodu ta' żmien indefinit u/jew għal ammont indefinit;"

(171) L-Artikolu 1(e) tal-Parti II tal-Protokoll 3 jistipula li "għajnuna individwali":

"tfisser għajnuna li ma tingħatax abbażi ta' skema ta' għajnuna u għotjiet ta' għajnuna notifikati abbażi ta' skema ta' għajnuna;"

(172) Din id-distinzjoni hija ta' importanza partikolari fil-kuntest tal-għajnuna eżistenti, u l-Protokoll 3 jikkonferixxi lill-Awtorità l-kompetenza biex iżżomm taħt rieżami kostanti s-sistemi ta' għajnuna eżistenti ([96]). Bl-istess mod, it-Taqsima V tal-Parti II tal-Protokoll 3 tapplika biss għal skemi ta' għajnuna eżistenti ([97]).

([95]) Il-Paragrafi 50 u 53.

([96]) Ara l-Artikolu 1.1 tal-Parti I tal-Protokoll 3.

([97]) Fil-fehma tal-Awtorità, it-termini "skemi ta' għajnuna" u "sistemi ta' għajnuna" għandhom jitqiesu bħala sinonimi. Ara Sinnaeve/Slot, *The new Regulation on State aid Procedures, Common Market Law Review*, 36/1999, p. 1153, in-nota f'qiegħ il-paġna 28.

(173) L-Awtorità tirrimarka li din id-definizzjoni ġiet inkorporata fil-Ftehim ŻEE fl-2001 bl-inserzjoni tal-Parti II tal-Protokoll 3. Qabel l-2001, meta l-Protokoll 3 ġie allinjat mar-Regolament Proċedurali, ([98]) ma kienx hemm definizzjoni li kienet daqstant preċiża fil-liġi taż-ŻEE, li tiddetermina x'kienet skema ta' għajnuna. Barra minn hekk, fil-fehma tal-Awtorità, il-bażi loġika għall-kunċett ta' għajnuna eżistenti – fil-prinċipju, li tipprovdi lill-Istati taż-ŻEE u lill-benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat b'xi ftit ċertezza legali rigward l-arranġamenti li saru qabel id-dħul fis-seħħ tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat fis-sistemi ġuridiċi tagħhom filwaqt li tagħti lill-Awtorità l-possibbiltà li tallinja tali sistemi mal-liġi taż-ŻEE – għandha tiġi mfakkra.

(174) Barra minn hekk l-Awtorità tirrimarka li l-każistika tal-Qrati Ewropej ma tipprovdix gwida dettaljata fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din id-definizzjoni. Għalhekk, l-Awtorità ssottomettiet il-każistika tagħha stess u dik tal-Kummissjoni Ewropea għal rieżami u sabet li "l-iskemi tal-għajnuna" eżistenti ġew interpretati li jinkorporaw id-dritt konswetudinarju mhux statutorju ([99]) u l-prassi amministrattiva relatata mal-applikazzjoni tad-dritt statutorju ([100]) u dak mhux statutorju ([101]). F'każ minnhom, il-Kummissjoni Ewropea sabet li skema ta' għajnuna relatata ma' *Anstaltslast u Gewährträgerhaftung* ġiet ibbażata

([98]) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

([99]) Ara d-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 405/08/COL dwar il-Fond għall-Finanzjament tad-Djar (ĠU L 79, 25.3.2010, p. 40 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 14, 25.3.2010, p. 20), il-Kapitolu II.2.3.1, p. 23: "Il-garanzija mill-Istat fuq l-istituzzjonijiet tal-Istat kollha rigward l-obbligi tagħhom kollha ssegwi minn regoli ġenerali mhux miktubin tad-dritt pubbliku tal-Islanda li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim taż-ŻEE. Il-garanzija hija applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Istat kollha, indipendentement minn meta twaqqfu, jew l-attivitajiet tagħhom, jew il-bidliet f'dawk l-attivitajiet. Din il-miżura ta' għajnuna potenzjali trid titqies bħala skema li tidħol fid-definizzjoni tal-Artikolu 1(d) tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim rigward is-Sorveljanza u l-Qorti."

([100]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża E-45/2000 (il-Pajjiżi l-Baxxi), *L-eżenzjoni fiskali favur il-Grupp Schiphol* (ĠU C 37, 11.2.2004, p. 13).

([101]) Mid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 491/09/COL dwar Norsk film group (ĠU C 174, 1.7.2010, p. 3), il-Kapitolu II.2, p. 8: "il-pagamenti annwali li ilhom jingħataw mill-Istat Norveġiż lil Norsk FilmStudio AS/Filmparken AS mis-snin 70 biex tipproduċi films sħaħ u biex iżżomm infrastruttura meħtieġa għall-produzzjoni ta' films, kienu bbażati fuq sistema ta' għajnuna eżistenti. L-Awtorità tqis li f'dan il-każ, la l-pagamenti regolari kienu qed isiru b'mod sistematiku għal perjodu ta' żmien twil ħafna, il-prassi tindika li l-appoġġ min-naħa tal-Istat kien element essenzjali fil-finanzjament tal-kumpanija. Fuq din il-bażi, l-Awtorità tqis li l-għotjiet annwali saru fil-qafas ta' sistema ta' għajnuna mill-Istat eżistenti, fit-tifsira tal-Artikolu 62 tal-Ftehim ŻEE." [traduzzjoni mhux uffiċjali] F'dak il-każ, l-Awtorità fetħet investigazzjoni formali fir-rigward ta' pagament ta' NOK 36 miljun li sar minbarra l-pagamenti regolari u fir-rigward ta' allegazzjoni dwar miżura tat-taxxa preferenzjali. Permezz tad-Deċiżjoni Nru 204/11/COL (ĠU L 287, 18.10.2012, p. 14 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 58, 18.10.2012, p. 1) l-Awtorità għalqet il-proċedura fuq il-bażi li l-pagament ta' NOK 36 miljun issejjes fuq l-iskema ta' għajnuna eżistenti u li l-miżura ta' taxxa ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

fuq l-ikkombinar ta' prinċipju ġuridiku qadim mhux uffiċjali ma' prassi mifruxa ferm mal-Ġermanja kollha ([102]).

## 2.3 **Il-miżuri sottomessi għall-investigazzjoni**

(175) L-Awtorità tfakkar li l-leġiżlazzjoni Norveġiża dwar it-trasport essenzjalment tistipula l-parametri fundamentali segwenti, li huma rilevanti għall-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni: (i) sistema ta' kofinanzjament tas-servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja (finanzjament mill-Istat u mill-kontej), (ii) il-kompetenza tal-kontej li tinvolvi l-amministrazzjoni tas-servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja u l-kontroll tal-konċessjonijiet, tar-rotot, tal-iskedi u tal-prezzijiet tal-biljetti, u (iii) sistema ta' konċessjonijiet dettaljata.

(176) Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Norveġiżi, f'konformità mal-Artikolu 22 tas-CTA, il-Muniċipalità ta' Oslo hija marbuta li tikkumpensa lill-operaturi għall-forniment tas-servizz tat-trasport fuq rotot li ma jrendux, fejn id-dħul iġġenerat mill-bejgħ tal-biljetti ma jkunx ikopri l-kosti tal-operat tas-servizz. L-Artikolu 22 tas-CTA jippermetti li l-kumpens ikopri l-kost tas-servizz pubbliku apparti d-dħul li joriġina mill-bejgħ tal-biljetti.

(177) Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE, il-Muniċipalità ta' Oslo għażlet li tipprovdi servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tas-CTA u tas-CTR, billi tikkumpensa dawk ir-rotot li ma jrendux f'konformità mal-prassi amministrattiva deskritta hawn fuq. Din il-prassi kompliet għaddejja mingħajr interruzzjoni sakemm skadiet l-aħħar konċessjoni mogħtija b'mod dirett, jiġifieri fit-30 ta' Marzu 2008.

(178) Sabiex wieħed jasal għal konklużjoni dwar l-eżistenza ta' skema ta' għajnuna, huwa meħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-qafas legali għall-finanzjament tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo jistax jitqies li huwa "att li abbażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri oħra ta' implimentazzjoni, għotjiet ta' għajnuna individwali jkunu jistgħu jsiru lil impriżi definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt". ([103]) Din id-definizzjoni tinkludi tliet kriterji: (i) li abbażi ta' dan l-att tkun tista' tingħata l-għajnuna, (ii) li l-att ma jirrikjedix miżuri ta' implimentazzjoni ulterjuri, u (iii) li l-att jiddefinixxi l-benefiċjarji potenzjali tal-għajnuna b'mod ġenerali u astratt.

(179) Rigward l-*ewwel* kriterju, l-Awtorità tirrimarka li s-CTA u s-CTR jikkostitwixxu l-atti li fuqhom il-Muniċipalità ta' Oslo sejset l-għoti tal-kumpens.

(180) Rigward it-*tieni* kriterju, ta' min wieħed jinnota li l-amministrazzjoni ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna tirrikjedi ċertu proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jippermetti li jingħataw għajnuniet individwali mingħajr ma jridu jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni ulterjuri.

(181) Għalhekk, sempliċi "applikazzjoni teknika", kif indikat hawn fuq, tad-dispożizzjonijiet li fuqhom tibbaża l-iskema ma tikkostitwixxix miżura ta' implimentazzjoni ([104]). Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li deċiżjoni li tagħti għajnuna skont l-iskema ta' għajnuna, għandha implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-awtorità li tamministra dik l-iskema, fil-fehma tal-Awtorità, ma jfissirx li tali deċiżjoni trid titqies bħala miżura ta' implimentazzjoni ([105]).

(182) B'mod simili, meta wieħed iqis l-atti ta' inkarigu, bħall-għoti ta' konċessjoni, dawn ikunu speċifiċi, bħal kwalunkwe inkarigu ieħor, għal impriża partikolari, u għalhekk skont id-definizzjoni, ma jistgħux jikkonċernaw grupp ta' impriżi "definiti b'mod ġenerali u astratt" (qabbel it-tielet kriterju).

(183) L-Awtorità hija tal-fehma li l-"miżuri ta' implimentazzjoni" għandhom jinftiehmu bħala li jinvolvu ċerta setgħa diskrezzjonali, li tkun tinfluwenza b'mod sinifikanti l-ammont tal-għajnuna, il-karatteristiċi tagħha jew il-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom issir l-għotja. B'mod partikolari, jidher li kull skema tiddetermina l-iskop li għalih tista' tingħata l-għajnuna. Għalhekk, jekk korp pubbliku perezempju jingħata s-setgħa li juża strumenti differenti biex jippromwovi l-ekonomija lokali u jagħti diversi injezzjonijiet ta' kapital minn dawn l-istrumenti, dan l-approċċ jimplika l-użu ta' setgħa diskrezzjonali

([102]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża E-10/2000 (il-Ġermanja) *Garanziji mill-Istat għall-banek pubbliċi fil-Ġermanja* (ĠU C 150, 22.6.2002 p. 6).

([103]) L-Artikolu 1(d) tal-Parti II tal-Protokoll 3.

([104]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża E 4/2007 (Franza), *L-imposti fl-ajruporti*, il-paragrafu 56 (ĠU C 83, 7.4.2009, p. 16).

([105]) Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-EFTA fil-Kawża E-14/10 *Konkurrenten*, il-paragrafi 74-75, fejn il-Qorti tal-EFTA tiddikjara dan li ġej:

"Fil-każ inkwistjoni, il-Belt ta' Oslo kienet intitolata, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasport tal-1976 u r-regolamenti ta' implimentazzjoni, li tipprovdi appoġġ finanzjarju bil-għan li tippermetti l-operat ta' servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja, li ma jrendux. Il-fatt li l-livell tal-kumpens ġie "negozjat", fil-verità, ma jfissirx li l-pagamenti ma kinux ikopru t-telf reali mġarrab matul l-operat ta' dawn is-servizzi, li minnu nnifsu, ma kinx kopert mill-iskema. Il-Qorti tqis li sa fejn il-pagamenti tal-kumpens kienu verament użati biex jiffinanzjaw l-operat tas-servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja, li ma jrendux, il-konvenut seta' kklassifika b'mod korrett dawn il-pagamenti bħala għajnuna eżistenti.

L-argument li l-għajnuna trid titqies bħala għajnuna ġdida minħabba li ngħatat fuq bażi annwali u fuq bażi diskrezzjonali fil-qafas tal-baġit tal-belt għandu (…) jiġi miċħud." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

konsiderevoli relatata mal-ammont tal-għajnuna, mal-karatteristiċi tagħha, mal-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom issir l-għotja u mal-iskop li għalih tingħata l-għajnuna, u għalhekk ma jitqiesx bħala skema ta' għajnuna ([106]).

(184) Fil-każ inkwistjoni, huwa ċar li ma kienx hemm għalfejn jiġu adottati miżuri leġiżlattivi ulterjuri għall-pagamenti ta' kumpens lil AS Oslo Sporveier u lil AS Sporveisbussene. Għalhekk, l-Awtorità hija tal-fehma li s-CTA u s-CTR illimitaw is-setgħa diskrezzjonali tal-Muniċipalità ta' Oslo, u li l-prassi amministrattiva tal-Muniċipalità tidher li kienet kostantement f'konformità ma' dan.

(185) Barra minn hekk, il-kumpens ma kienx ibbażat fuq allokazzjonijiet baġitarji diskrezzjonali. Wara li għażlet li żżomm is-servizz pubbliku, il-Muniċipalità ta' Oslo ma kinitx libera li tiddeċiedi jekk tkoprix it-telf ta' AS Oslo Sporveier u ta' AS Sporveisbussene. Kienet marbuta li tkoprih kull sena sal-2008. Huwa evidenti wkoll li l-kumpens kien u seta' jingħata biss biex jiġi ffinanzjat it-trasport lokali skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo. Il-muniċipalità ma setgħetx tagħti għajnuna għal finijiet differenti fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet deskritti hawn fuq.

(186) L-Istat u l-Ministeru tat-Trasport huma responsabbli mill-koordinazzjoni u mill-iżvilupp tat-trasport pubbliku fin-Norveġja u jeżerċitaw din il-prerogattiva b'tali mod li jirrestrinġi s-setgħat tal-kontej. L-ammont tal-kumpens mogħti huwa limitat, kif imsemmi hawn fuq, mil-linji gwida nazzjonali maħluqa skont is-CTR, u l-prassi amministrattiva li tikkonċerna l-metodu ta' kalkolu baqgħet l-istess sa mill-bidu tat-tmeninijiet.

(187) Fir-rigward tat-*tielet* kriterju, is-sistema ta' kumpens f'Oslo tapplika għall-konċessjonarji kollha li huma inkarigati mill-forniment ta' servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja, fuq rotot li ma jrendux.

(188) Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, l-Awtorità tikkonkludi li f'Oslo kien hemm skema ta' għajnuna fis-seħħ. Din l-iskema ta' għajnuna kienet isserraħ fuq id-dispożizzjonijiet tas-CTA, tas-CTR u tal-prassi amministrattiva rilevanti f'Oslo.

## 2.4 **Id-definizzjoni ta' għajnuna eżistenti**

(189) L-Artikolu 1(b)(i) tal-Parti II tal-Protokoll 3 jistipula li l-għajnuna eżistenti tinkorpora l-għajnuna kollha li eżistiet qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE fl-Istati tal-EFTA rispettivi, jiġifieri, l-iskemi ta' għajnuna u l-għajnuna individwali li ddaħħlu fis-seħħ qabel, u li għadhom applikabbli wara, id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE.

(190) Kif deskritt hawn fuq, id-dispożizzjonijiet li kienet isserraħ fuqhom l-iskema, kienu ilhom fis-seħħ minn qabel ma daħal fis-seħħ il-Ftehim ŻEE fin-Norveġja fl-1 ta' Jannar 1994. Billi jidher li s-suq għat-trasport lokali bil-karozzi tal-linja kien diġà ġie espost għal xi ftit kompetizzjoni f'dik id-data, l-Awtorità hija tal-fehma li l-miżura tikkostitwixxi skema ta' għajnuna eżistenti li kienet teżisti qabel Jannar 1994 u li baqgħet applikabbli minn dakinhar.

(191) Barra minn hekk, l-Artikolu 1(c) tal-Parti II tal-Protokoll 3 jistipula li "għajnuna ġdida" hija:

> "kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li m'hijiex għajnuna eżistenti, li jinkludu tibdil lill-għajnuna eżistenti;"

(192) Fil-Kawża *Namur*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat dan li ġej:

> "[…] għajnuna ġdida li tfiġġ jew it-tibdil f'għajnuna eżistenti ma jistgħux ikunu evalwati skont l-iskala tal-għajnuna jew, b'mod partikolari, l-ammont tagħha f'termini finanzjarji fi kwalunkwe ħin fil-ħajja tal-impriża jekk l-għajnuna hija fornuta fl-ambitu ta' dispożizzjonijiet statutorji li kienu jeżistu qabel u li baqgħu ma nbidlux. Jekk għajnuna tistax tkun ikklassifikata bħala għajnuna ġdida jew bħala bidla f'għajnuna eżistenti trid tkun iddeterminata permezz ta' referenza għad-dispożizzjonijiet li jipprevedu ha." ([107])

(193) Barra minn dan, hekk kif irrimarka l-Avukat Ġenerali Trabucchi fl-Opinjoni tiegħu fil-Kawża *Van der Hulst*, il-modifiki jkunu sostanzjali jekk ikunu nbidlu l-elementi prinċipali tas-sistema, bħan-natura tal-vantaġġ, l-iskop imfittex mill-miżura, il-bażi legali, il-benefiċjarji jew is-sors tal-finanzjament ([108]).

(194) Kif stabbilit fid-deskrizzjoni fattwali tal-kawża msemmija hawn fuq, hemm għadd ta' avvenimenti li jistgħu jkunu potenzjalment ikkunsidrati bħala li jbiddlu l-iskema u jdawruha f'għajnuna ġdida. Dawn l-avvenimenti se jiġu vvalutati b'dan li ġej.

### 2.4.1 *Ir-riorganizzazzjoni interna tal-1997*

(195) Fl-1997, ir-riorganizzazzjoni interna wasslet biex l-entità AS Sporveisbussene, li kienet għadha kemm ġiet stabbilita, ħadet f'idejha r-responsabbiltà tat-twettiq tas-servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja, li preċedentement kienu pprovduti minn AS Oslo Sporveier.

(196) Bidliet ta' natura purament formali jew amministrattiva fi skema ta' għajnuna, ma jwasslux biex l-għajnuna eżistenti tiġi riklassifikata bħala għajnuna ġdida ([109]). Il-kwistjoni hija li jiġi determinat jekk din ir-riorganizzazzjoni ġabitx magħha bidla fl-iskema ta' għajnuna eżistenti li tinvolvi għajnuna ġdida.

([106]) Ara l-Kawża SA.21654 (ex NN-69/2007 u C-6/2008) *Public Commercial Property Åland Industrihus* (ĠU L 125, 12.5.2012, p. 33), b'mod partikolari l-paragrafi 107–109.

([107]) Il-Kawża C-44/93, *Namur-Les Assurances du Crédit*, [1994], Ġabra I-3829, il-paragrafu 28.

([108]) L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Trabucchi fil-Kawża 51/74 *Van der Hulst*, [1975], Ġabra 79.

([109]) Ara l-Artikolu 4(1) tal-verżjoni konsolidata tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14.7.2004 dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 27 tal-Parti II tal-Protokoll 3 (disponibbli fuq dan l-indirizz: http://www.eftasurv.int/media/decisions/195-04-COL.pdf). Ara wkoll l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Lenz fil-Kawża *Namur*.

(197) L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li, essenzjalment, il-bidla minn AS Oslo Sporveier għal AS Sporveisbussene bħala l-fornitur tas-servizz kienet bidla ta' natura formali. Meta stabbilixxiet lil AS Sporveisbussene, AS Oslo Sporveier ħolqot sussidjarja biex topera s-servizzi pubbliċi bil-karozzi tal-linja li preċedentement kienet tmexxi hi stess. Madankollu, AS Oslo Sporveier – fil-pożizzjoni tagħha bħala l-kumpanija ewlenija – baqgħet ir-riċevitur prinċipali tal-kumpens u d-detentur prinċipali tal-konċessjoni, u sempliċiment għaddiet minn riorganizzazzjoni interna li wasslet biex AS Sporveisbussene ġiet inkarigata mill-forniment tas-servizzi, f'konformità mal-konċessjoni. Għal dan hija rċeviet kumpens mingħand il-kumpanija ewlenija tagħha. Il-prassi amministrattiva li tikkonċerna l-finanzjament tas-servizzi tat-trasport baqgħet sostanzjalment l-istess skont il-Ftehim dwar it-Trasport, li ġie konkluż fl-1997. Barra minn hekk, ir-riorganizzazzjoni ma involviet l-ebda bidliet fis-CTA jew fis-CTR.

(198) F'kawża li kienet tikkonċerna t-trasferiment ta' self garantit bejn il-kumpaniji, il-Kummissjoni stqarret dan li ġej:

"il-garanziji pprovduti b'rabta mas-self meħud qabel l-1 ta' Mejju 2004 (l-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea) ingħataw qabel l-adeżjoni u ġew notifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Anness IV.3 ta' mat-Trattat tal-Adeżjoni. Minkejja li dawn il-garanziji ġew trasferiti lil impriża ġdida, il-Kummissjoni tqis li dan kien att purament amministrattiv minħabba li s-self eżistenti kopert minn garanziji diġà approvati, ġie trasferit lil impriża ġdida. It-trasferiment kien il-konsegwenza ta' riorganizzazzjoni sempliċi ta' MÁV Zrt. li ma kienet akkumpanjata mill-ebda bidla fl-attivitajiet involuti jew fil-kontenut tal-miżuri ta' għajnuna. B'hekk, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li, minkejja li sar it-trasferiment, il-garanziji xorta għadhom meqjusa bħala għajnuna eżistenti". ([110]) [traduzzjoni mhux uffiċjali]

(199) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li r-riorganizzazzjoni tal-1997 ma tistax titqies li kienet tinvolvi bidla sostantiva fl-iskema ta' għajnuna. Konsegwentement, fil-fehma tal-Awtorità l-iskema baqgħet skema ta' għajnuna eżistenti wara r-riorganizzazzjoni.

2.4.2 *It-tiġdid tal-konċessjoni*

(200) Kif imsemmi hawn fuq, skont id-dispożizzjonijiet legali fil-bażi tal-iskema ta' għajnuna, il-fornitur ta' servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja jeħtieġ kemm konċessjoni ġenerali kif ukoll konċessjoni speċjali. Barra minn hekk l-Artikolu 27 tal-CTA jistipula li dak iż-żmien, il-konċessjonijiet speċjali setgħu jingħataw għal perjodu ta' 10 snin. Kif imsemmi hawn fuq ukoll, id-dispożizzjonijiet rilevanti tas-CTA u tas-CTR ma ġewx materjalment mibdula meta mqabbla mal-Att dwar it-Trasport u mar-Regolamenti li kienu japplikaw dak iż-żmien. Għalhekk, fir-rigward tal-konċessjonijiet, id-dispożizzjonijiet statutorji li jirregolaw l-iskema ma ġewx modifikati materjalment wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE.

(201) Il-konċessjonijiet individwali li ngħataw f'konformità mad-dispożizzjonijiet statutorji msemmija hawn fuq, jikkostitwixxu l-atti ta' inkarigu fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna eżistenti. L-inkarigi essenzjalment jiddeterminaw ir-rotta/rotot li għaliha/għalihom il-konċessjonarju għandu dritt u obbligu li jipprovdi servizz skedat b'kumpens għas-servizz pubbliku. Għalhekk, l-inkarigi mhumiex parti mid-dispożizzjonijiet fil-bażi tal-iskema ta' għajnuna. Għaldaqstant, l-iskema ta' kumpens għas-servizz pubbliku eżistenti ma tkunx meqjusa bħala mibdula bl-għoti ta' konċessjoni ġdida. Pjuttost, dawn il-konċessjonijiet sempliċiment jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' att legali, jiġifieri s-CTA u s-CTR, li fuqhom jiġi bbażat l-għoti tal-konċessjonijiet.

(202) F'kawża li kienet tikkonċerna pagamenti ta' kumpens lix-xandar pubbliku RTP fil-Portugall, il-Kummissjoni ddikjarat:

"Barra minn hekk, il-konklużjoni ta' ftehimiet ġodda ta' konċessjoni ma tibdilx il-kwalifika tar-reġim ta' finanzjament annwali f'għajnuna eżistenti, ladarba huma jimplimentaw biss id-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament ta' RTP kif stabbilit preċedentement, inklużi l-modifiki ta' natura teknika". ([111])

(203) Apparti l-estensjoni temporali, ma saret l-ebda bidla fir-rigward tal-missjoni ta' servizz pubbliku jew tar-remunerazzjoni tagħha fil-konċessjoni, li ġiet imġedda mill-1 ta' Jannar 2000. AS Sporveisbussene sempliċiment kompliet, skont l-istess kundizzjonijiet, twettaq is-servizz pubbliku f'isem AS Oslo Sporveier fuq il-bażi tal-konċessjoni, li sempliċiment tikkostitwixxi att amministrattiv li implimenta d-dispożizzjonijiet tas-CTA dwar l-operat u l-finanzjament tas-servizzi tat-trasport pubbliku skedat u li ma kien jinvolvi l-ebda tibdiliet fil-mod li bih kellhom jitwettqu dawn is-servizzi. Għaldaqstant, it-tiġdid tal-konċessjoni ma mmodifikax l-iskema ta' għajnuna eżistenti.

2.4.3 *L-introduzzjoni ta' sistema ta' bonus/malus għall-kwalità*

(204) Fl-2004, AS Oslo Sporveier introduċiet sistema ġdida ta' *bonus/malus*. L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li din is-sistema hija parti mill-kumpens għal servizz pubbliku għall-forniment tat-trasport lokali skedat bil-karozzi tal-linja f'Oslo. Hija kellha l-għan li ttejjeb il-kwalità

([110]) L-għajnuna mill-Istat NN 73/2008 (ex N 240/08) – L-Ungerija – *Il-kondiviżjoni tas-self bejn MÁV Zrt. u MÁV-TRAKCIÓ Zrt.* (ĠU C 109, 13.5.2009, p. 5), il-paragrafi 59-60.

([111]) Il-Kawża E 14/2005 (il-Portugall) *Il-pagamenti ta' kumpens lix-xandar pubbliku RTP*, il-paragrafu 79 (traduzzjoni mhux uffiċjali).

tas-servizzi pprovduti u ġiet implimentata fis-CTA fl-1 ta' Jannar 2008. Kif spjegat hawn fuq, għall-perjodu li jkopri mill-1994 sal-2005, ir-redditu annwali medju għas-servizz pubbliku kien ta' 1,98 %. L-introduzzjoni tal-bonus addizzjonalment ipprovdiet inċentivi bil-ħsieb li eventwalment jiġi mmassimizzat ir-redditu annwali sabiex jinkiseb profitt raġonevoli.

(205) Għalhekk wieħed jikkonkludi li tali sistema ta' *bonus* ma affettwatx is-sustanza tal-kumpens mogħti u li ffurmat parti integrali mill-iskema ta' għajnuna eżistenti.

### 2.5 **L-għajnuna mogħtija abbażi tad-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-iskema**

#### 2.5.1 *Is-sentenza fil-Kawża E-14/10*

(206) Fis-sentenza tagħha fil-Kawża E-14/10, il-Qorti tal-EFTA ddikjarat dan li ġej dwar il-kwistjoni tan-natura eżistenti jew ġdida tal-għajnuna:

> "(…) l-importanti huwa li jiġi determinat jekk l-għajnuna ngħatatx f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jippreveduha.
>
> (…) sa fejn il-pagamenti tal-kumpens kienu verament użati biex jiffinanzjaw l-operat tas-servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja, li ma jrendux, il-konvenut (l-Awtorità) *seta' kklassifika b'mod korrett dawn il-pagamenti bħala għajnuna eżistenti.*
>
> Madankollu, (…) kull għajnuna mogħtija lil Oslo Sporveier li teċċedi t-telf effettivament imġarrab b'rabta mas-servizzi inkwistjoni, ma tkunx tista' titqies li tikkostitwixxi, fuq il-bażi ta' din l-iskema ta' għajnuna, għajnuna eżistenti (…)" ([112]) [traduzzjoni mhux uffiċjali]

(207) Mis-sentenza tal-Qorti tal-EFTA jirriżulta li l-pagamenti li saru fuq il-bażi tal-iskema ta' għajnuna eżistenti biss jistgħu jitqiesu bħala għajnuna eżistenti mħallsa fil-qafas ta' din l-iskema. Il-pagamenti li ma jkunux saru fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-iskema ma jistgħux jiġu protetti min-natura eżistenti tal-għajnuna tal-iskema inkwistjoni ([113]).

(208) Għalhekk, biex jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna mogħtija hijiex għajnuna eżistenti jew ta' natura ġdida, l-Awtorità trid tivvaluta jekk kinitx ingħatat f'konformità mal-iskema li tipprevediha.

(209) L-iskema kienet imsejsa fuq is-CTA u s-CTR; u barra minn hekk, f'Oslo kien hemm prassi amministrattiva stabbilita li kienet f'konformità mar-regoli stipulati fis-CTA u s-CTR. L-iskema kienet tipprevedi l-kopertura tal-kosti biss (id-differenza bejn il-kost u d-dħul) tas-servizzi tat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja li ma jrendux, ipprovduti mill-konċessjonarji.

(210) F'dan li ġej, l-Awtorità tivvaluta jekk (i) il-kumpens annwali u (ii) l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku, ingħatawx abbażi tad-dispożizzjonijiet li jipprevedu s-sistema ta' kumpens.

#### 2.5.2 *Il-kumpens annwali*

(211) Kif stabbilit preċedentement, l-Artikolu 22 tas-CTA jippermetti li l-kumpens ikopri l-kost tas-servizz pubbliku apparti d-dħul li joriġina mill-bejgħ tal-biljetti. Sabiex jiġi żgurat li l-kumpens jillimita li jkopri l-kost tas-servizz pubbliku, jidher li jkun neċessarju li skema bħal din tippresupponi s-separazzjoni tal-kontijiet, allokazzjoni xierqa tal-kosti komuni u tranżazzjonijiet tal-intragrupp b'kundizzjonijiet indaqs għall-impriżi, li mhux biss jipprovdu servizzi pubbliċi iżda jieħdu sehem ukoll f'attivitajiet kummerċjali. Għaldaqstant, il-konformità ma' dawn il-prinċipji tidher li hija meħtieġa sabiex jiġi evitat li l-għajnuna tingħata barra mill-iskema.

(212) L-Awtorità vvalutat l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-awtoritajiet Norveġiżi u vverifikat li nżammu kontijiet separati għall-attivitajiet tas-servizz pubbliku tul il-perjodu kollu (1994-2008). Barra minn hekk, l-Awtorità sabet li l-profitt miksub permezz tal-operat tas-servizz pubbliku kien relattivament baxx u ma kienx jinkludi l-pagament ta' kumpens żejjed.

(213) Qabel l-2004 il-kosti komuni kienu jinqasmu permezz ta' tranżazzjonijiet tal-intragrupp, li l-kosti tagħhom kienu bbażati fuq il-prezzijiet tas-suq. Is-sistema għall-allokazzjoni tal-kosti komuni għas-servizzi bejn AS Sporveisbussene u s-sussidjarji tagħha nbidlet fl-2003 u mill-2004 daħlet fis-seħħ sistema ġdida bbażata fuq il-kosti ġenerali. Fil-qafas ta' din is-sistema, il-kumpaniji tal-karozzi tal-linja kellhom sehem proporzjonat tal-kosti komuni skont il-fatturat tagħhom.

(214) L-Awtorità tqis li din is-sistema żgurat li l-għajnuna ma ngħatatx barra mill-iskema.

(215) Għalhekk, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Norveġiżi, wieħed jista' jikkonkludi li l-pagamenti annwali kienu limitati biex ikopru biss il-kosti li setgħu jiġu koperti f'konformità mal-qafas legali tal-iskema.

#### 2.5.3 *L-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku*

(216) Sa min-nofs id-disgħinijiet, diġà kien beda jidher biċ-ċar li l-fond tal-pensjonijiet ta' AS Oslo Sporveier ma kellux biżżejjed fondi. Għalhekk, ġie implimentat pjan ta' pagament bil-għan li jirmedja l-insuffiċjenza fil-fond sal-2020. B'konformità ma' dan il-pjan, il-Muniċipalità ta' Oslo

([112]) Il-paragrafi 73, 74 u 76.
([113]) L-istess loġika tapplika għal skemi li ġew approvati mill-Awtorità jew mill-Kummissjoni Ewropea. Ara pereżempju l-Kawża C-47/91 *l-Italja* vs. *il-Kummissjoni*, [1994], Ġabra I-4635, il-paragrafi 25–26.

żiedet il-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil AS Oslo Sporveier sabiex tkoprilha l-kosti kollha marbuta mal-forniment tas-servizz pubbliku.

(217) Fl-2004, l-insuffiċjenza li kien għad fadal ġiet koperta permezz tal-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku. Minkejja li din l-injezzjoni ma ngħatatx bħala parti mis-somma sħiħa annwali għal AS Sporveisbussene iżda għaddiet direttament fil-fond tal-pensjonijiet minn AS Oslo Sporveier, il-pagament sar abbażi tal-iskema ta' għajnuna eżistenti, b'tali mod li serva biex kopra l-kost imġarrab matul il-forniment tas-servizz pubbliku.

(218) Kif ġie rrimarkat hawn fuq, is-CTA u s-CTR ma għandhom l-ebda dispożizzjoni partikolari dwar kif għandu jiġi kkumpensat il-konċessjonarju għas-servizz pubbliku li jipprovdi. Fil-prattika, il-kumpens sempliċement ingħata kull sena f'forma ta' somom sħaħ, f'konformità mal-prassi amministrattiva stabbilita. Il-Qorti tal-EFTA ddeċidiet ([114]) li meta skema ta' għajnuna eżistenti ma jkollha l-ebda dispożizzjoni partikolari dwar kif għandha tiġi pprovduta l-għajnuna, diverġenza mill-proċedura tas-soltu ma tistax fiha nnifisha twassal għall-konklużjoni li l-għajnuna ma ngħatatx abbażi ta' dik l-iskema. Għaldaqstant, il-fatt li l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku ma saritx f'konformità mal-proċedura normali tal-għotjiet globali annwali ma jfissirx li ma saritx fuq il-bażi tal-iskema.

(219) Il-kosti tal-pensjonijiet koperti permezz tal-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku, kienu relatati mal-forniment tas-servizz pubbliku, u l-Muniċipalità ta' Oslo kienet marbuta li tkoprihom f'konformità mal-obbligu tagħha li tkopri l-kost tas-servizz pubbliku. Minflok ikomplu jsiru pagamenti annwali sal-2020, ġie deċiż li l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku għandha tkopri s-sehem li jkun fadal tal-insuffiċjenza ta' fondi, biex b'hekk tiġi eliminata l-ħtieġa li jsiru pagamenti annwali ulterjuri biex tiġi koperta l-insuffiċjenza storika ta' fondi.

(220) Fuq din il-bażi, l-Awtorità hija tal-fehma li l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku twettqet f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-għajnuna.

2.5.4 *Konklużjoni*

(221) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku saru abbażi tal-iskema ta' għajnuna eżistenti. Għaldaqstant, fir-rigward tal-kumpens annwali u tal-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku, ma saru l-ebda pagamenti 'l barra mill-obbligi tal-iskema ta' għajnuna eżistenti.

([114]) Il-paragrafu 87 tas-sentenza tal-Qorti tal-EFTA fil-Kawża E-14/10 *Konkurrenten*.

### 2.6 **Il-perjodu ta' wara t-30 ta' Marzu 2008**

(222) Fil-bidu tas-snin 2000, il-Muniċipalità ta' Oslo ddeċidiet li l-kuntratti kollha ta' servizz pubbliku għat-trasport skedat bil-karozzi tal-linja fir-reġjun ta' Oslo jingħataw b'offerta. Sat-30 ta' Marzu 2008, is-sistema deskritta hawn fuq ġiet fi tmiemha u għaldaqstant il-konċessjoni ta' AS Oslo Sporveier kienet bla skop, billi s-servizzi kollha kienu ġew ipprovduti fuq il-bażi ta' kuntratti mogħtija b'offerta. Għalhekk, mit-30 ta' Marzu 2008 'il quddiem, il-konċessjonarji l-ġodda ġew remunerati fuq il-bażi tal-kuntratti mogħtija b'offerta.

### 2.7 **Konklużjonijiet dwar in-natura eżistenti jew ġdida tal-għajnuna**

(223) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal preċedentement, l-Awtorità waslet għall-konklużjoni li l-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku saru, fit-totalità tagħhom, abbażi ta' skema ta' għajnuna eżistenti mhux modifikata. Għalhekk dawn il-miżuri, fit-totalità tagħhom, jikkostitwixxu għajnuna eżistenti.

(224) Kif stabbilit hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li (i) l-applikazzjoni tar-regoli tat-tassazzjoni tal-grupp u (ii) l-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali ma jinvolvux għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

(225) Barra minn hekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-miżuri li jifdal, (i) il-kumpens annwali u (ii) l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku, jikkostitwixxu għajnuna li, fit-totalità tagħha, ingħatat fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna eżistenti. Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ miżuri, ma ngħata l-ebda kumpens li jeċċedi t-telf effettivament imġarrab matul it-twettiq tal-obbligi tas-servizz pubbliku ([115]). Fit-30 ta' Marzu 2008, dawn l-aħħar żewġ miżuri ta' għajnuna mill-Istat ġew imwaqqfa. Għaldaqstant, l-Awtorità ma għandhiex għalfejn teżamina l-kompatibbiltà tagħhom mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE.

## 3. KONKLUŻJONI

(226) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Awtorità waslet għall-konklużjoni li r-regoli tat-tassazzjoni tal-grupp ma

([115]) Għall-finijiet ta' ċarezza, l-Awtorità tirrimarka li, l-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali ma ngħatatx fuq il-bażi tal-iskema ta' għajnuna eżistenti. Kieku kienet tirrappreżenta għajnuna mill-Istat, din l-għajnuna konsegwentement kienet tikkostitwixxi għajnuna ġdida. Madankollu, fil-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-Awtorità kkonkludiet li din il-miżura ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat minħabba li kienet saret f'konformità mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq.

jagħtu l-ebda vantaġġ lil AS Sporveisbussene u li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma jfissirx li AS Sporveisbussene rċeviet għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE.

(227) L-Awtorità waslet ukoll għall-konklużjoni li l-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali ma tagħti l-ebda vantaġġ lil AS Sporveisbussene u li għalhekk ma tirrappreżentax għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

(228) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-kumpens annwali u l-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku jirrappreżentaw għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE. Madankollu, l-Awtorità tikkonkludi li din l-għajnuna ngħatat, fit-totalità tagħha, fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna eżistenti li issa ntemmet u, għalhekk, l-Awtorità ma tarax li hemm bżonn tieħu azzjoni ulterjuri fuq din il-kwistjoni, u ma għandha l-ebda bażi biex tagħmel dan.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-applikazzjoni tar-regoli tat-tassazzjoni tal-grupp għal Oslo Sporveier Group ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE. Il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar din il-miżura għaldaqstant hija magħluqa.

*Artikolu 2*

L-injezzjoni ta' kapital għall-attivitajiet kummerċjali ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE. Il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar din il-miżura għaldaqstant hija magħluqa.

*Artikolu 3*

Il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-kumpens annwali ma għandha l-ebda skop peress li l-miżura tirrappreżenta għajnuna eżistenti, li issa ġiet mitmuma. Il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar din il-miżura għaldaqstant hija magħluqa.

*Artikolu 4*

Il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-injezzjoni ta' kapital għas-servizz pubbliku ma għandha l-ebda skop peress li l-miżura tirrappreżenta għajnuna eżistenti, li issa ġiet mitmuma. Il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar din il-miżura għaldaqstant hija magħluqa.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

*Artikolu 6*

Il-verżjoni Ingliża ta' din id-deċiżjoni hija l-unika waħda meqjusa bħala awtentika.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| Oda Helen SLETNES | Sverrir Haukur GUNNLAUGSSON |
|---|---|
| *Il-President* | *Membru tal-Kulleġġ* |